MELLIEĦA

MINUTI

**KUNSILL LOKALI TAL-MELLIEĦA**

**ID-DISA' KUNSILL**

SEDUTA NRU. 14a

25 ta' Ġunju 2025

Minuti tal-ewwel parti tas-seduta Nru. 14 tal-Kunsill Lokali tal-Mellieħa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, f'Nru. 126, Triq il-Mitħna l-Ġdida, Mellieħa, nhar l-Erbgħa, 25 ta' Ġunju 2025 fil-5:30 pm.

## Attendenza u qari ta' ittri ta' apoloġiji

Il-Kunsillieri kollha kienu preżenti.

Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv M. Gambin irreġistra l-minuti, filwaqt li s-seduta ġiet trasmessa permezz tal-internet u irrekordjata. L-istess *recording* jista' jitniżżel mis-sit elettroniku: https://corterm.com/vod/members/mellieha/

## Talba

It-talba ntqalet mis-Sindku G. Micallef.

## Minuti

1.1. Il-Kunsillier J. Buttigieg talab li fir-rigward tal-minuta 5.17.1. tas-seduta preċedenti dwar l-Estensjoni tal-Pergola Club Hotel – PA 6754/22, fil-bidu tal-minuta 5.17.2. jizdied li:

"Il-Kunsillier J. Buttigieg staqsa jekk il-Kunsill hux ser joġġezzjona fuq PA 6754/22 dwar l-iżvilupp tal-estensjoni tal-Pergola Club Hotel."

Għaldaqstant minuta 5.17.2. għandha tinqara kif ġej:
"Il-Kunsillier J. Buttigiega staqsa jekk il-Kunsill hux ser joġġezzjoni fuq PA 6754/22 dwar l-iżvilupp tal-estensjoni tal-Pergola Club Hotel. Is-Sindku G. Micallef għarraf li l-Kunsill ħa jerġa' jissottometti oġġezzjoni fuq l-applikazzjoni għall-iżvilupp PA 6754/22 dwar l-estensjoni tal-Pergola Club Hotel. Huwa qal li l-Kunsill permezz tal-Perit Carmel Cacopardo kien għamel rappreżentazzjoni f'Novembru tas-sena 2022. Huwa qal li l-Kunsill ser jerġa' jitlob lill-Perit C. Cacopardo jagħmel rappreżentazzjoni fuq l-istess linji sottomessi fis-sena 2022."

1.2. Is-Sindku G. Micallef talab li jagħmel osservazzjoni fuq minuta 5.25.1. tas-seduta preċedenti. Is-Sindku G. Micallef qal li ma jħossx li l-membri tal-Kunsill kollha ma qablux li l-Kunsill jgħin b'mod finanzjarju lill-Gazzetta 'Il-Mellieħa iżda kien hemm min qabel u kien hemm min ma qabilx."

1.3. Il-minuti tas-Seduta Nru.13 li saret fis-26 ta' Mejju 2025 ġew approvati mingħar aktar korrezzjonijiet.

## Ingaġġ ta' Segretarju Eżekuttiv (P/7/1/Vol XVII)

Is-Sindku G. Micallef għarraf li qabel ma tibda s-seduta, huwa xtaq jgħarraf u jagħti aġġornament lill-membri preżenti dwar il-proċess ta' ingaġġ ta' Segretarju Eżekuttiv wara s-sejħa li d-Dipartiment għall-Gvern Lokali għamel f'Marzu li għadda. Is-Sindku qal li l-ewwel proċess kien jikkonsisti f'li jsiru l-intervisti lill-applikanti kollha mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali li mbagħad għamel short-listing tagħhom u l-lista bl-ismijiet ta' dawk li kellhom il-kwalitajiet kollha u li għażlu l-Mellieħa bħala l-preferenza tagħhom, għaddiet għand il-Kunsill sabiex jagħmel l-intervisti din id-darba min-naħa tiegħu.

Huwa għarraf li dan it-tieni proċess min-naħa tal-Kunsill tlesta u l-Bord tal-Għażla kompost minnu flimkien mal-Kunsilliera Emvin Bartolo u John Buttigieg għamlu erba' intervisti minn ħamsa peress li l-ħames persuna waqqa' l-applikazzjoni tiegħu. Is-Sindku qal li d-dokumentazzjoni kollha mitluba mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali tlestiet u ser tintbagħat wara din is-seduta.

Peress li d-Deputat Segretarju Eżekuttiv M. Gambin kienet waħda mill-applikanti, f'dan il-mument intalbet toħroġ mill-kamra u minflokha daħlet Ms Yvonne Muscat – Administration Officer 1 li kienet preżenti sabiex tassisti lill-Kunsill waqt dan il-proċess.

Is-Sindku innota li flimkien mal-Bord, kull applikant ġie mistoqsi bosta mistoqsijiet, skont il-kriterji stabbiliti. Il-Membri tal-Bord ressqu għadd ta' mistoqsijiet matul l-intervisti, fejn kull applikant kellu l-opportunità jesprimi ruħu, jaqsam il-ħsibijiet tiegħu, jispjega l-metodi tax-xogħol tiegħu, u juri l-għarfien tiegħu dwar dan l-irwol.

Matul kull intervista, ingħata ħin xieraq lil kull applikant b'mod ugwali. Il-membri tal-Bord taw il-marki tagħhom b'mod indipendenti għal kull kriterju, u dawn ġew ikkumparati fl-aħħar tal-proċess. Rapport dettaljat ġie ffirmat mill-membri kollha tal-Bord.

Is-Sindku innotta wkoll li l-kandidati ġew klassifikati kif ġej: Marica Gambin, Jeremy Bartolo, Robert Mizzi, u George Abdilla. Għandu jiġi rrappurtat ukoll li Ryan Mercieca iddikjara li mhux interessat li jkompli jipparteċipa f'dan il-proċess.

Għaldaqstant, il-Kunsill Lokali Mellieħa qabel unanimament li jirrakomanda lil Marica Gambin biex tokkupa dan l-irwol ta' Segretarju Eżekuttiv, abbażi tar-riżultati tal-proċess ta' intervisti.

## 2.0. Materji Mqajma mill-Minuti

### 2.1.1. Tiġdid tal-Karti tal-Identità (M/6/Vol V)

2.1.2. Il-Kunsilliera C. Castillo staqsiet dwar il-proċess tal-ġbir tal-Karta tal-Identità mill-uffiċċju tal-Kunsill kemm għal dawk li ġġeddu mill-uffiċċju tal-Kunsill kif ukoll ta' dawk ir-residenti li marru jġeddu l-Karta tal-Identità tagħhom il-Blata l-Bajda.

2.1.3. Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv M. Gambin għarrfet li l-Kunsill ġie mgħarraf minn Identità Malta li l-ġbir tal-Karta tal-Identità ser isir kollu mill-uffiċċju tal-Kunsill kull nhar ta' Tlieta. Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv għarrfet illi fl-ewwel ġurnata tal-ġbir li seħħ proprju nhar it-Tlieta 24 ta' Ġunju 2025, kien hemm influss qawwi ta' residenti li ġew l-uffiċċju jiġbru l-Karta tal-Identità tagħhom. Fil-fatt tant kien hemm turnover ta' nies li sfortunatament mhux kulħadd laħaq ġabar il-Karta tal-Identità tiegħu.

2.1.4. Għal dan il-għan, kien hemm qbil li l-Kunsill jagħmel talba lill-Identità Malta sabiex possibiliment ikun hemm estensjoni tal-ġranet minn ġurnata waħda għal aktar ġranet meta r-residenti jkunu jistgħu jiġu jiġbru l-Karta tal-Identità tagħhom.

2.1.5. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 2.2.1. Korsijiet tal-Kompjuter fis-Sala tal-Kunsill (E/3/1/9 Vol VI)

2.2.2. Is-Sur J. Buttigieg staqsa jekk il-kumpanija TCTC Ltd kinitx laqgħet it-talba tal-Kunsill sabiex minflok kompjuters, l-istudenti li ser jattendu għall-korsijiet tal-kompjuter jużaw laptops. Huwa qal li qed isaqsi dan peress li issa li s-sala Joseph Borg sarilha refurbishment, ma jmurx li jkollok din is-sala armata l-ħin kollu bl-apparat tal-kompjuters.

2.2.3. Is-Sindku G. Micallef wieġeb li sfortunatament il-Kunsill kien irċieva tweġiba fin-negattiv mingħand TCTC Ltd u s-suġġeriment li għamlu kien li l-istudenti jmorru għal-lezzjonijiet tal-kompjuter fl-uffiċini tagħhom fin-Naxxar.

2.2.4. Il-Kunsillier K. Buttigieg issuġġerixxa li jintuża l-uffiċċju dak li qabel kien il-Boardroom billi jiġu armati mwejjed dahar ma' dahar f'nofs il-kamra.

2.2.5. Il-Kunsilliera C. Castillo qalet li l-Kunsill jista' jiċċekkja jekk l-istudenti jistgħux iġibu l-laptops tagħhom magħhom.

2.2.6. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti u kien hemm qbil li tiġi ċċekkjata l-possibilità li l-lezzjonijiet isiru fejn ġie issuġġerit mill-Kunsillier K. Buttigieg.

## 2.3.1 Arranġamenti tat-Traffiku fi Triq il-Miżieb (T/3/2/Vol XVIII)

2.3.2. Il-Kunsillier E. Bartolo rrefera għar-restrizzjonijiet tat-traffiku li qegħdin fis-seħħ bħalissa fir-rigward ta' Triq il-Miżieb fill-Ħdud u l-Festi Pubbliċi, u ssuġġerixxa li dawn jiġu estiżi għal bejn is-2.00pm u l-10.00pm.

2.3.3. Il-Kunsillier E. Bartolo qal li kif żdied l-influss tal-vetturi li jgħaddu minn din it-triq, issuġġerixxa li l-Kunsill jikkunsidra jestendi dawn il-ħinijiet possibiliment anke għall-ġurnata tas-Sibt.

2.3.4. Il-Kunsillier J. Buttigieg qal li huwa personalment ma jaqbilx li fil-ġurnata tas-Sibt, it-traffiku ma jkunx jista' jitla' minn Triq il-Miżieb għar-raġuni li s-Sibtijiet filgħaxija ħafna nies jiġu jieklu fl-istabbilimenti tal-ikel fil-Mellieħa, u anke qed tinkoraġġixxi li jgħaddi aktar traffiku mill-Manikata.

2.3.5. Il-Kunsilliera C. Castillo qalet li madanakollu meta Triq il-Miżieb tkun two-way qed tkun problema peress li l-influss tat-traffiku qed ikun ta' kuljum. Hija qalet ukoll li hemm bżonn li jitwaħħlu t-tabelli li jaħdmu bl-Intelliġenza Artifiċjali (AI) u li jindikaw li din it-triq u t-toroq tal-madwar huma magħluqin jew miftuħin għat-traffiku biex it-traffiku jkollu indikazzjoni minn fejn irid jgħaddi u ma jinħolqux kemm jista' jkun kongestjonijiet tat-toroq.

2.3.6. Il-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar issuġġerit li jekk it-tabelli li hemm fil-preżent ħa jinbidlu peress li ħa jiġu estiżi l-ħinijiet, it-tabelli l-ġodda jistgħu jkunu akbar fil-qies sabiex ikunu aktar viżibbli għas-sewwieqa.

2.3.7. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti u qabel li l-Kunsill għandu jikteb u jitlob għall-opinjoni ta' Transport Malta.

## 2.4.1 Pulizija tal-Komunità fil-Mellieħa (P/9/4)

2.4.2. Il-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar talbet aġġornament dwar il-laqgħat li qed isiru b'mod regolari mal-Pulizija tal-Komunità.

2.4.3. Is-Sindku G. Micallef qal li bħalissa l-Pulizija tal-Komunità fil-Mellieħa qed jaħdmu b'persuna inqas peress li hemm persuna fuq il-leave tal-maternità.

2.4.4. Huwa għarraf li fl-aħħar laqgħa li saret fl-24 ta' Ġunju 2025, is-Surġent qajjem diversi punti fost dawn:

(a) in-nuqqas ta' traffic management tajjeb fl-akkwati tal-bajja tal-Armier iż-Żgħir u fil-fatt flimkien saret diskussjoni ta' x'ikun l-aħjar li jiġi implimentat biex is-sitwazzjoni titjieb;

(b) ir-rapport li l-Pulizija tal-Komunità ħejjew sabiex f'każ li jinqala' inċident fit-Telgħa ta' Selmun, permezz ta' numru ta' tabelli diġitali li jitwaħħlu fil-bidu u fi tmiem ta' Triq il-Miżieb u fil-bidu u fi tmiem ta' Triq il-Mellieħa/Triq il-Wilġa fost oħrajn, is-sewwieqa jkunu mgħarrfa bl-inċident u jsegwu d-direzzjonijiet biex jużaw rotot alternattivi;

(ċ) il-problema li teżisti fi Triq il-Miżieb meta sewwa ma josservawx it-tabelli li jindikaw li ma tistax titla' minn Triq il-Miżieb fil-Ħdud; fil-fatt f'Ħadd partikolari l-Pulizija tal-Komunità ħarġu ħamsa u tletin ċitazzjoni lil sewwieqa li abbużaw; u

(d) l-ispeed checks li qed jagħmlu fi Triq Lewis Wettinger u anke fi Triq l-Armier fejn anke għamlu talba sabiex il-Kunsill iżid it-tabelli u jerġa' jisboħ marki tat-toroq li m'għadhomx jidhru.

2.4.5. Il-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar staqsiet jekk il-ħinijiet fir-rigward ta' Triq il-Miżieb humiex ser jiżdiedu u s-Sindku wieġeb li din hija materja li l-Kunsill għad irid jiddiskuti.

2.4.6. Ms R. Cutajar staqsiet ukoll jekk il-Pulizija tal-Komunità pprovdewx feedback fuq ir-rapport li sar mill-Kunsill, fir-rigward tal-boundary wall u periklu li jeżisti fi proprjetà li bdiet tinbena iżda x-xogħol waqaf għal kollox fi Triq il-Fortizza. Is-Sindku wieġeb li dan il-każ ser jgħaddih ukoll lill-Building and Construction Authority (BCA).

2.4.7. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

2.4.8. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 2.5.1 Periklu fl-Irdum li jħares fuq il-Bajja tal-Imġiebaħ (X/1/1/Vol III)

2.5.2. Il-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar talbet aġġornament fuq il-periklu li jeżisti fil-Bajja tal-Imġiebaħ minħabba parti mill-irdum li tista' taqa'. Hija qalet li s-Segretarju Eżekuttiv C. Debono kien kiteb lill-awtoritajiet konċernati fuqha, iżda sfortunatament ma kien sar xejn.

2.5.3. Is-Sindku għarraf li l-Kunsill fid-9 u fl-20 ta' Mejju kien f'kuntatt mal-Għassa tal-Pulizija tal-Qawra fuq din il-blata perikoluża li tista' taqa' minn ħin għall-ieħor u li minn naħa tagħhom għamlu rapport li mar għand l-awtoritajiet konċernati fosthom anke l-ERA u d-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi. Dan wara li huwa ra artiklu fuq il-midja soċjali.

2.5.4. Is-Sindku qal ukoll li huwa għandu informazzjoni li nħatar inġinier kwalifikat u anke perit sabiex jiġi evalwat il-periklu u huwa minn naħa tiegħu baqa' jsegwi l-każ anke mal-Awtorità tal-Artijiet li ssuġġerit li jitwaħħlu numru ta' tabelli fuq il-post li jindikaw li hemm periklu. Il-Kunsill għandu jkun infurmat meta jkunu ser jitwaħħlu dawn it-tabelli.

2.5.5. Il-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar talbet li tkun inkluża fl-imejls peress li ż-żoni kostali jaqgħu taħt ir-responsabilità tagħha.

2.5.6. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 2.6.1. Il-Kunsill Lokali tat-Tfal (Z/1/Vol VI)

2.6.2. Il-Kunsilliera L. Darmanin għarrfet li l-Kunsill tat-Tfal se jiltaqa fit-2 u fit-30 ta' Lulju 2025 fl-4.30pm.

2.6.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**2.7.1. Żjara mill-*unit* għall-Għoti tad-Demm (M/8/Vol VI)**

2.7.2. Il-Kunsilliera L. Darmanin għarrfet illi waqt l-aħħar żjara li l-unit għall-għoti tad-demm għamlet fil-Mellieħa, tletin persuna marru jagħtu d-demm.

2.7.3. Hija qalet ukoll li appena jkollha d-dati taż-żjarat tal-unit fil-Mellieħa li jmiss, hija tikkomunikahom.

2.7.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**2.8.1. Pubblikazzjoni ta' Kitbiet tal-mibki s-Sur Joseph Felix Cachia (P/4/5/Vol III)**

2.8.2. Il-Kunsilliera L. Darmanin għarrfet li l-Kunsill ħareġ is-sejħa għall-kwotazzjonijiet għall-iddisinjar u l-istampar tal-pubblikazzjoni tal-kitbiet tal-mibki s-Sur Joseph Felix Cachia.

2.8.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**2.9.1. Kors fl-Ewwel Għajnuna (E/3/1/Vol III )**

2.9.2. Il-Kunsilliera L. Darmanin għarrfet li għall-kors fl-Ewwel Għajnuna applikaw tnax-il persuna u l-kors ser isir fil-5 u fit-12 ta' Lulju 2025 bejn il-10.45am u s-2.15pm fl-uffiċċju tal-Kunsill.

2.9.3. Il-Kunsilliera L. Darmanin qalet li hija flimkien mas-Sindku ser jattendu għal dan il-kors u stiednet lill-membri l-oħra tal-Kunsill sabiex min jixtieq jattendi.

2.9.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**2.10.1. PA/00308/25 – Proposta biex isir xogħol ta' Restawr u Rikostruzzjoni ta' Ħitan tas-Sejjieħ kif kien oriġinarjament u proposta għal underground reservoir (P/5/8/M)**

2.10.2. Il-Kunsillier J. Buttigieg irrefera għall-ittra li l-Kunsill irċieva mill-Awtorità tal-Ippjanar dwar rapport CM392/25 li l-uffiċċju tal-Kunsill għamel dwar ix-xogħlijiet imsemmija fi Triq il-Marfa.

2.10.3. Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv għarrfet li dan ir-rapport sar wara żewġ rapporti li saru mill-pubbliku, sabiex jiġi assigurat li x-xogħlijiet msemmija huma koperti bil-permessi neċessarji tal-Awtorità tal-Ippjanar.

2.10.4. Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv għarrfet li r-risposta tal-Awtorità tal-Ippjanar li l-Kunsill irċieva permezz ta' imejl datat 2 ta' Ġunju 2025 kienet kif ġej:

> "With reference to your complaint report **(CM392/25)** please be informed that, following investigations by our Compliance & Enforcement Directorate, it transpired that works were halted and the subject of your complaint is being addressed through the submission of planning application **PA/00308/25 "Proposed restoration and reconstruction of rubble walls as original and proposed underground reservoir."** Plans in pending application have been amended so as to sanction the works already carried out. Further investigations on your complaint report will depend on the decision to be taken on the submitted sanctioning application."

2.10.5. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**2.11.1. Ħolqien ta' Spazju Adattat għal aktar Għarfien dwar is-Saħħa Mentali permezz tal-Fond ta' Aġġustament 2025 (F/1/2/Vol XI)**

2.11.2. Il-Viċi Sindku M. Borg Cuschieri għarraf li huwa kellu laqgħa maċ-Chief Executive Officer tal-Mellieħa Holday Centre dwar l-encroachment li din il-lukanda għandha, fuq dik li llum hija l-barbecue area fil-

Bajja tal-Għadira u fuq il-ħsieb li l-Kunsill għandu sabiex jutilizza din l-area sabiex joħloq spazju adattat għal aktar għarfien dwar is-saħħa mentali.

2.11.3. Is-Sur M. Borg Cuschieri qal li l-idea tal-Kunsill intgħoġbot ħafna iżda għad trid tiġi diskussa mal-Bord tad-Diretturi meta ser ikunu Malta f'Ottubru li ġej.

2.11.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti u s-Sindku talab li għal dik il-laqgħa jixtieq li jkunu preżenti wkoll il-Kunsilliera C. Castillo flimkien miegħu.

**2.12.1. Il-Produzzjoni 'Ciao Ciao' tinħadem fil-Mellieħa (A/6/3/Vol X)**

2.12.2. Il-Viċi Sindku M. Borg Cuschieri ssuġġerixxa li l-film'Ciao Ciao' li huwa produzzjoni lokali u li għadu għaddej fis-cinemas lokali, jintwera waqt Iljieli Melleħin ta' din is-sena. Fil-fatt, is-Sur Borg Cuschieri qal li jista' jinkera screen li jitpoġġa maġenb il-Knisja Arċipretali hekk kif tinżel it-taraġ ta' maġenb il-belveder tas-Sur u n-nies kull tant ħin ikunu jistgħu jaraw dan il-film kif ukoll films oħrajn.

2.12.3. Fl-istess waqt, huwa ssuġġerixxa wkoll li waqt l-Iljieli Melleħin, il-Kunsill għandu juri wkoll id-dokumentarju dwar is-sejbiet arkeoloġiċi fl-inħawi Tal-Latnija. Il-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar issuġġerit li biex il-Kunsill ma jidħolx f'aktar spejjeż, dan jista' jintwera fuq l-istess screen.

2.12.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti u qabel ma' dan is-suġġeriment.

**2.13.1. Inawgurazzjoni tas-Sala Joseph Borg (P/10/40)**

2.13.2. Is-Sindku G. Micallef xtaq jirringrazzja lill-membri u l-istaff tal-Kunsill li attendew u b'xi mod taw is-sehem tagħhom biex fit-18 ta' Ġunju 2025 saret l-inawgurazzjoni tas-Sala Joseph Borg.

2.13.3. Il-Kunsill kollu qabel li kienet serata sabiħa biż-żewġ preżentazzjonijiet li saru – waħda fuq il-proġett tas-sala u l-oħra dwar il-mibki s-Sur Joseph Borg, bil-qari tal-bijografija tiegħu, bid-diskorsi tas-Sindku u taż-żewġ uliedu u fl-aħħarnett bil-kxif tal-portrait tiegħu li sar mill-artist is-Sur Twanny Darmanin, il-kxif tal-lapida komemmorattiva u t-tberik mill-Arċipriet.

2.13.4. Il-Kunsill kollu huwa kuntent li ulied u ħut is-Sur Joseph Borg apprezzaw ferm dan l-avveniment. Ġiet apprezzat wkoll l-attendenza tal-ex Sindki tal-Mellieħa, l-ex Segretarju Eżekuttiv u tal-għaqdiet lokali.

2.13.5. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 3.0. Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

**3.1.1. Il-Fortizza Campbell f'Selmun (P/5/2/Vol II)**

3.1.2. Il-Viċi Sindku M. Borg Cuschieri għarraf li huwa ġie kkuntattjat mis-Sur Conrad Neil Gatt sabiex jinfurmah illi reġa' waqa' saqaf ieħor fil-Fortizza ta' Campbell u fortunatament ħadd ma weġġa'. Huwa qal li n-nies għadhom imorru ġo jew viċin il-Fortizza għalkemm tpoġġew tabelli li jindikaw li hemm periklu u sfortunatament jidher li s'issa m'hemmx pjanijiet konkreti fuq x'ħa jiġri minn din il-Fortizza.

3.1.3. Huwa qal li ħa jagħmel suġġeriment lill-Kunsill sabiex tiġi organizzata konferenza stampa u jixtieq li ssir konsultazzjoni pubblika mal-istakeholders kollha u l-pubbliku in ġenerali biex wieħed jara x'ħa jsir minn dan il-post.

3.1.4. Is-Sindku G. Micallef qal li bħala Kunsill ilu jitkellem dwar il-Fortizza ta' Campbell u anke bħala Kunsill ikkomunika mal-Awtorità tal-Artijiet u għamel diversi appelli dwar l-istat tagħha. Kompla billi qal li hu personalment fetaħ każ mal-Ombudsman għax l-awtoritajiet naqsu milli jikkomunikaw miegħu. Huwa qal li t-tabelli li hemm imwaħħlin fil-post saru wara li l-Kunsill għamel pressjoni u l-Kunsill huwa nfurmat ukoll li l-Awtorità tal-Artijiet qabdet perit sabiex jevalwa l-ħsarat u sabiex jinstabu mezzi kif jiġu mblukkati l-aperturi kollha u jiġu mbarrati wkoll il-ħitan tal-fortizza. Sfortunatament, s'issa pero'

jidher li l-Kunsill ma ngħatax widen. Is-Sindku qal ukoll li l-Kunsill kellu anke l-ħsieb li jitlob id-devoluzzjoni tal-Fortizza ta' Campbell.

3.1.5. Il-Viċi Sindku M. Borg Cuschieri insista li jekk fi żmien tliet ġimgħat l-aktar xahar, l-awtoritajiet ma jkunu ħadu l-ebda azzjoni, huwa ħa jiskatta dan il-proċess ta' konferenza stampa u ta' konsultazzjoni pubblika. Huwa qal li jekk il-Kunsill Lokali mhux ser jaqbel miegħu, huwa ħa jmexxi dan il-proċess waħdu.

3.1.6. Is-Sindku reġa' tenna li l-Kunsill Lokali qed jieħu azzjoni min-naħa tiegħu u anke l-Kunsilli preċedenti għamlu dan.

3.1.7. Il-Kunsilliera C. Castillo kienet tal-opinjoni li persuna waħedha mhi ser tasal imkien u jrid ikun il-privat li jidħol għal proġett ta' din ix-xorta.

3.1.8. Il-Kunsillier J. Buttigieg qal li hemm tliet għażliet li l-Kunsill jista' jagħmel:

(i) jew li l-Kunsill iħalli kollox kif inhu, li mhux il-każ;

(ii) jew li l-Kunsill jitlob għad-devoluzzjoni tal-Fortizza iżda mbagħad mil-lat ta' finanzji, huwa ma jaħsibx li dan ikun il-pass fid-direzzjoni t-tajba, peress li l-Kunsill m'għandhux fondi biżżejjed biex jidħol għar-restawr tagħha;

(iii) jew jitlob għall-guardianship, li huwa qal li huwa totalment differenti minn devoluzzjoni pero' xorta jibqa' l-fatt li l-Kunsill irid jagħmel tajjeb għall-inizjattivi li huwa jieħu, bħal pereżempju li jdawwar il-fortizza bil-fencing.

3.1.9. Il-Kunsillier J. Cauchi staqsa li jekk il-Kunsill jorganizza konferenza stampa, x'ħa jgħid il-Kunsill f'din il-konferenza stampa.

3.1.10. Il-Viċi Sindku M. Borg Cuschieri qal l-Kunsill jista' jitkellem fuq il-periklu li hemm, x'inhi l-viżjoni tiegħu u tal-istakeholders għal dan il-post u permezz ta' din il-konferenza stampa ċertament li l-Kunsill jagħmel aktar ħoss.

3.1.11. Il-Kunsillier E. Bartolo qal li jekk il-Kunsill m'għandux pjan ċar ma jaqbilx li tissejjaħ konferenza stampa għax lin-nies il-Kunsill ikun biss qed jimlihom bit-tama. Barra minn hekk, il-Kunsill ikun qed jistenna li jirċievi baraxx ta' suġġerimenti iżda mbagħad x'ħa jsir. Huwa kien tal-opinjoni li l-Kunsill jibqa' jagħmel il-pressjoni fuq l-awtoritajiet speċjalment biex jitneħħa l-periklu.

3.1.12. Il-Kunsillier K. Buttigieg qal li dan is-suġġett mhu sempliċi għal ħadd u mhux ġust li l-Kunsill jitfaha fuq il-Gvern Ċentrali.

3.1.13. Fl-aħħarnett, is-Sindku qal li l-Kunsill jista' jkompli jagħmel il-pressjoni neċessarja kif ilu jsir minn Lulju tas-sena l-oħra.

3.1.14. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 3.2.1 Servizzi ta' Environmental Rangers fiż-Żoni Urbani tal-Mellieħa (W/3/Vol XI)

3.2.2. Il-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar talbet sabiex jiġu iċċirkulati r-rapporti li qed jiġu ikkumpilati mill-Environmental Rangers kull xahar.

3.2.3. Is-Sindku wieġeb li dawn ser jiġu iċċirkulati kif rikjest.

### 3.3.1. Railing matul il-Promenade tal-Għadira (X/1/1/Vol III)

3.3.2. Il-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar ġibdet l-attenzjoni li r-railing matul il-Promenade tal-Għadira preċiżament viċin l-istabbiliment tal-ikel Il Pirata huwa miksur.

3.3.3. Il-Kunsillier K. Buttigieg ħa l-okkażjoni sabiex jiġbed l-attenzjoni wkoll li numru ta' coaches qed jipparkjaw fl-akkwati tal-lukanda Mellieħa Holiday Centre u qed ikunu ta' periklu għas-sewwieqa. Huwa talab li tinġibed l-attenzjoni tal-Pulizija tal-Komunità tal-Mellieħa.

3.3.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**3.4.1. Inizjattiva Community Profiling tal-Kunsill Reġjonali Tramuntana (K/16)**

3.4.2. Il-Kunsillier J. Cauchi qal li huwa għamel kuntatt mas-Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill Reġjonali Tramuntana s-Sur Bjorn Bonello dwar l-inizjattiva 'Participatory Geographic Information System (PGIS), bil-għan li jiġi identifikat jekk din l-inizjattiva ikkonċidiex mal-proposta tal-Kunsill.

3.4.3. Is-Sur J. Cauchi qal li s-Sur Bjorn Bonello għandu jipprovdi aktar informazzjoni min-naħa tiegħu dwar l-inizjattiva tar-Reġjun u kemm-il darba ż-żewġ proposti ma jikkonċidux, il-Kunsill ikun jista' jerġa' jkompli l-kuntatti tiegħu ma' Culture Venture.

3.4.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**3.5.1. Sessjoni "Aqra Miegħi" fl-Irziezet ta' Selmun (E/3/1/14)**

3.5.2. Il-Kunsilliera L. Darmanin qalet li nnutat li waqt is-sessjoni ta' 'Aqra Miegħi' li saret fil-21 ta' Ġunju 2025 l-attendenza tat-tfal naqset. Dan jista' jkun peress li bdiet tkun is-sħana.

3.5.3. Hija qalet ukoll li s-sessjoni li jmiss ser issir fid-19 ta' Lulju 2025 fl-4.30pm.T

3.5.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**3.6.1 Attivitajiet marbuta mal-Ewwel Tqarbina u l-Griżma (S/6/Vol IV)**

3.6.2 Il-Kunsilliera L. Darmanin għarrfet li l-Kunsill ta l-kontribut tiegħu sabiex ikun hemm tiżjin adekwat bil-fjuri fiż-żewġ okkażjonijiet msemmija.

3.6.3. Il-kontribut tal-Kunsill kien ta' €250 fl-ispirtu tal-Artiklu 33 (n) u (p) tal-Att Dwar Kunsilli Lokali (Kap. 363).

**3.7.1. Proprjetà abbandunata fi Triq il-Kbira (P/5/2/Vol II)**

3.7.2. Il-Viċi Sindku M. Borg Cuschieri staqsa jekk hux possibbli l-Kunsill inaddaf quddiem il-proprjetà li ilha abbandunata snin fi Triq il-Kbira peress li sfortunatament mimlija skart u jekk x'ħin titnaddaf jistax jinbena ċint jew isir fencing.

3.7.3. Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv qalet li l-ħaddiema tal-Kunsill ser ikunu qed inaddfuha peress li ħadd ma jaf min huma s-sidien tagħha.

3.7.4. Il-Kunsillier K. Buttigieg qal li jekk il-Kunsill jibni ċ-ċint, huwa ser ikun l-ewwel persuna li ħa joġġezzjoni għalih u dan peress li mbagħad aktar nies jibdew jabbużaw u jarmu l-iskart tagħhom hemmhekk. Huwa ssuġġerixxa li l-Pulizija tal-Komunità jagħmlu patrolling tal-area bejn l-4.00pm u s-7.00pm.

3.7.5. Il-Kunsilliera C. Castillo issuġġeriet li anke l-Environmental Rangers jistgħu jmorru jiċċekkjaw dawn l-inħawi aktar ta' spiss.

3.7.6. Il-Kunsillier J. Buttigieg qal li l-Pulizija tal-Komunità jistgħu anke javviċinaw lis-sidien tan-negozji li qed fil-viċinanzi.

3.7.7. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 3.8.1. Il-Ġbir tal-Iskart fil-Mellieħa (K/6/2/Vol VI)

3.8.2. Il-Viċi Sindku M. Borg Cuschieri xtaq jiġbed l-attenzjoni tal-Kunsill dwar in-nuqqas ta' rispett mill-kollettur tal-iskart lejn il-Kunsill u speċjalment lejn l-impjegati tal-Kunsill. Huwa qal li l-Kunsill għandu WhatsApp Chat mal-kuntrattur u mal-kollettur tal-iskart fejn fiha l-istaff tal-Kunsill jirrapporta n-nuqqasijiet li jkunu ġew osservati minn ġurnata għall-oħra. Minn naħa tiegħu l-kollettur, dan mhux qed iwieġeb jew jagħti xi tip ta' feedback lill-Kunsill.

3.8.3. Il-Kunsillier J. Buttigieg staqsa jekk din il-materja hux qed tiġi diskussa mal-Kunsill Reġjonali Tramuntana li huwa responsabbli minn dan il-kuntratt.

3.8.4. Is-Sindku wieġeb fl-affermattiv u qal li kull Sindku fi ħdan ir-Reġjun, għadda l-ilmenti tiegħu u s-Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill Reġjonali pprepara rapport li ser jintbagħat lid-Direttur Ġenerali tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali. Huwa qal ukoll li meta l-kollettur naqas milli jinforma lill-Kunsill illi waqfulu xi trakkijiet u l-iskart riċiklabbli baqa' fit-toroq sa tard filgħaxija, huwa bħala Sindku bagħat imejl lid-Direttur Ġenerali s-Sur Emil Vassallo, fejn għarrfu huwa wkoll dwar in-nuqqasijiet f'dan il-kuntratt u r-riperkussjonijiet li qed ikun hemm fil-lokalità. Min-naħa tiegħu, is-Sur Vassallo wieġeb li l-awtorità li ħarġet il-kuntratt tal-ġbir tal-iskart hija r-Reġjun rispettiv u ftit ilu inħarġu linji gwida ta' kif jistgħu jitolbu permess mid-Dipartiment tal-Kuntratti, biex japplikaw multi għan-nuqqasijiet li jista' jkun hemm. Is-Sindku qal li l-President tar-Reġjun minn naħa tiegħu ser jiddiskuti din il-materja waqt il-laqgħa tar-Reġjun li jmiss.

3.8.5. Għal dan il-għan, il-Kunsillier J. Buttigieg issuġġerixxa li l-Kunsill jistenna l-laqgħa tar-Reġjun u jara l-esodu tagħha.

3.8.6. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 3.9.1. Inizjattiva 'Plastic Free' fl-Uffiċċju tal-Kunsill (K/1/2/Vol V)

3.9.2. Il-Viċi Sindku M. Borg Cuschieri ppropona li fl-uffiċċju tal-Kunsill ma jibqax jintuża plastik u minflok jinxtraw il-filters biex l-uffiċċju tal-Kunsill jibda jitqies bħala plastic free office.

3.9.3 Huwa ssuġġerixxa wkoll li jew waqt l-Iljieli Melleħin ta' din is-sena jew inkella matul il-ġranet tal-Festa tal-Vitorja, il-Kunsill idaħħal il-kunċett ta' 'reusable cups'.

3.9.4. Il-Kunsill qabel li jagħmel market research u jara x'jista' jsir.

### 3.10.1. Bejta tal-fkieren fil-Bajja tal-Għadira (A/4/5/Vol II)

3.10.2. Il-Viċi Sindku M. Borg Cuschieri qal li l-voluntiera ta' Nature Trust apprezzaw ferm ir-reserved parking bays u ċ-ċwievet li ngħataw sabiex ikunu jistgħu jagħmlu użu mil-latrina pubblika sakemm ikunu għassa mal-bejta tal-fkieren fil-Bajja tal-Għadira.

3.10.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 3.11.1. International Conference on Multilevel Governance organizzata taħt il-patroċinju tal-Presidenza ta' Malta tal-Kunsill tal-Ewropa (K/12/Vol III)

3.11.2. Il-Viċi Sindku M. Borg Cuschieri qal li huwa attenda għall-konferenza msemmija li saret Għawdex fit-13 ta' Ġunju 2025. Huwa qal li kienet konferenza tajba ħafna u li matulha kellha l-opportunità li jiltaqa' mas-Sur Fabian Borg mill-Kunsill Lokali tal-Gżira u huwa wkoll is-Scientific and Strategic Lead of the Research Innovation Unit (RIU). Flimkien, il-Viċi Sindku qal li tkellmu dwar possibilità ta' kollaborazzjoni dwar mudelli AI fuq il-bidla fil-klima fost oħrajn.

3.11.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 3.12.1. Abbużi fi Ġnien il-Pellegrini (P/4/7/Vol II)

3.12.2. Il-Viċi Sindku M. Borg Cuschieri aċċenna għall-abbużi li qed jiġu kommessi fi Ġnien il-Pellegrini.

3.12.3. Il-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar qalet li fil-passat hija kienet ipproponiet li jsir rixtellu li jingħalaq bil-lejl, fil-livell ta' Triq il-Kbira.

3.12.4. Il-Kunsillier E. Bartolo ġibed l-attenzjoni li Ġnien il-Pellegrini huwa passaġġ pubbliku u għalhekk ma jistax jingħalaq. Is-Sur Bartolo qal li s-soluzzjoni tkun jew li jkun hemm Self Maintained Public Convenience fi Triq l-Għoljiet jew li jsiru s-cctv cameras.

3.12.5. Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv għarrfet li l-ħaddiema tal-Kunsill qed jaħslu dan il-passaġġ b'mod regolari.

3.12.6. Il-Kunsilliera C. Castillo qalet li barra minn Malta fl-ibliet, issib ħafna self maintained public conveniences. Hija qalet ukoll li soluzzjoni temporanja tista' tkun bozza li taħdem bis-sensor.

3.12.7. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 3.13.1. Tabelli 'This is Not A Dog Friendly Beach' matul Dawret it-Tunnara (X/1/1/Vol III)

3.13.2. Il-Kunsilliera C. Castillo talbet li matul Dawret it-Tunnara jitwaħħlu tabelli li jindikaw li ż-żoni tal-għawm matul Dawret it-Tunnara mhumiex 'Dog Friendly Beaches' peress li qed ikun hemm abbużi minn sidien tal-klieb li jħallu lill-klieb tagħhom jgħumu u jduru madwar in-nies mingħajr lanqas ċinga.

3.13.3. Hija qalet ukoll li viċin it-Torri l-Abjad jeħtieġ li jitwaħħlu dog bins.

3.13.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti u qabel li jitwaħħlu it-tabelli u l-bins.

## 4.0. Tqegħid ta' karti

- Ittra ta' Direzzjoni għas-Sena 2024;
- Tweġiba għall-Ittra ta' Direzzjoni għas-Sena 2024;
- Rapport Finanzjarju għall-Ewwel Kwart tas-Sena (Jannar 2025 – Marzu 2025;
- Minuti tal-Laqgħa li saret ma' Ms Tara Darmanin fil-05/06/2025;
- Kopja tas-Sejħa għall-Kwotazzjoni dwar it-Trasport tal-Anzjani lejn u minn iċ-Ċentru Anzjanità Attiva tal-Mellieħa li kienet ħarħet fis-sena 2021;
- Skeda dwar Akkwist ta' Servizzi u Materjal – 21/06/2025;
- Skeda ta' Pagamenti – 25/05/2025 – 21/06/2025;
- Skeda ta' Petty Cash – 28/04/2025 – 12/06/2025;
- Skeda ta' Korrispondenza li waslet; u
- Skeda ta' Korrispondenza li ntbagħtet.

## 5.0. Korrispondenza u komunikazzjoni mis-Sindku u l-Kunsillieri

## 5.1.1. Il-Proġett tal-Iskola Primarja tal-Mellieħa (S/3/1/1)

5.1.2. Is-Sindku G. Micallef għarraf li Polidano Group għadhom ma bdewx ix-xogħol ta' tħaffir tas-sit biswit l-iskola primarja bejn Triq il-Mitħna l-Ġdida, Triq Sant'Elena u Triq Napuljun Caruana Dingli u ma għamlux il-hoarding, peress li kienu qed jistennew li tispiċċa l-iskola.

5.1.3. Fil-fatt, is-Sindku qal li llum kienet l-aħħar ġurnata tal-iskola primarja tal-Mellieħa u llum ingħalqu l-bibien tal-iskola primarja eżistenti għall-aħħar darba – skola primarja li ilha tagħti servizz għal ħafna snin.

5.1.4. Huwa qal ukoll li l-Kunsill jista' jara jistax ikun t'għajnuna fil-ġarr ta' affarijiet eċċ pero' l-Kunsillier J. Buttigieg ikkonferma li bħala President tal-Kunsill Skolastiku kien infurmat li d-Dipartiment tal-Edukazzjoni ħa jieħdu ħsieb kollox u l-Fondazzjoni għall-Iskejjel t'Għada ser jipprovdu n-nies sabiex isir il-ġarr t'affarijiet meħtieġ.

5.1.5. Is-Sindku għarraf ukoll li Dr Neville Young (FTS) ikkonferma li kien hemm xi tibdil fil-pjanti u li fit-28 ta' Ġunju 2025 ħa tibda tiżżarma s-sala tal-iskola kif ukoll il-klassijiet, eċċ.

5.1.6. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**5.2.1. Self Cleaning Public Convenience fil-Promenade tal-Għadira (L/3/Vol III)**

5.2.2. Is-Sindku G. Micallef għarraf li l-Kunsill irċieva imejl datat 19 ta' Ġunju 2025 mingħand id-Direttorat għall-Indafa u l-Manutenzjoni (CMD), fejn dan id-Direttorat talab li ssir laqgħa dwar l-installazzjoni ta' Self Cleaning Public Convenience fil-Promenade tal-Għadira.

5.2.3. Is-Sindku qal li bħala data tal-laqgħa għadha ma ġietx stabbilita u l-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**5.3.1. Xogħlijiet minn Infrastructure Malta f'Ta' Masrija (T/4/4/Vol IV)**

5.3.2. Is-Sinku G. Micallef għarraf li fid-19 ta' Ġunju 2025, il-Kunsill irċieva komunikat li kienu ser jitkomplew ix-xogħlijiet infrastrutturali f'Ta' Masrija. Fil-fatt, is-Sindku qal li f'din il-fażi ser jinbidlu s-servizzi tad-drenaġġ u tal-ilma, ser jinbidlu l-bankini imbagħad fl-aħħarnett it-toroq se jiġu asfaltati bit-tarmak.

5.3.3. Is-Sindku qal li jifhem ċertu frustrazzjoni li jista' jkollhom ir-residenti ta' dawn l-inħawi minħabba inkonvenjenzi li qed ikollhom jaffaċjaw. Madanakollu l-Kunsill ser ikun qed isegwi dawn ix-xogħlijiet biex jindirizza problemi li jistgħu jinqalgħu. Huwa żied jgħid li l-kuntrattur ġie infurmat li għalkemm jista' jagħti l-każ li xi toroq jingħalqu għat-traffiku, aċċess għar-residenti għandu jkun hemm dejjem.

5.3.4. Huwa qal ukoll li x-xogħlijiet ser jibdew fi Triq Ta' Masrija li mistennija jitlestew sal-aħħar ta' Lulju, wara ssir Triq ir-Rattan imbagħad Triq il-Fortizza sa Triq il-Kbira. Dawn ix-xogħlijiet mistennija li jitlestew kompletament fl-aħħar tas-sena. Ir-residenti ser innotifikati b'dan kollu permezz ta' ittra li ser titqassam lir-residenti tal-inħawi affettwati.

5.3.5. Is-Sindku ħa din l-okkażjoni biex informa lill-membri preżenti li x-xogħol infrastrutturali fit-Telgħa ta' Selmun tlesta. Huwa qal li madwar ir-roundabout sar l-anti skid u in ġenerali x-xogħol kien mexxej. Fir-rigward ta' Triq il-Fuħħar, huwa qal li l-Kunsill irċieva l-pjanta u jidher li parti minn Triq l-Għelejjel ġiet inkluża wkoll f'dan il-proġett.

5.3.6. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**5.4.1. Xogħlijiet Infrastrutturali minn Infrastructure Malta fi Triq Għajn Tuffieħa (T/4/4/Vol IV)**

5.4.2. Is-Sindku G. Micallef aċċenna għax-xogħlijiet li reġgħu għaddejjin bħalissa fi Triq Għajn Tuffieħa preċiżament fejn ir-roundabout li tagħti għall-Imġarr.

5.4.3. Huwa qal li sfortunatament kien hemm nuqqasijiet kbar fejn jidħol traffic management temporanju għal waqt li jkunu qed isiru x-xogħlijiet. Nuqqasijiet li spiċċaw ikkawżaw inkonvenjenzi mhux żgħar lis-sewwieqa speċjalment minħabba dewmien u queues fit-toroq tal-madwar.

5.4.4. Sfortunatament kien hemm nuqqasijiet ukoll fis-servizz mogħti mix-shuttle għaliex ħallew speċjalment tfal fuq il-bus stops li riedu jmorru l-iskola jew għall-eżamijiet.

5.4.5. Is-Sindku qal li bħala Kunsill ippruvajna nikkomunikaw mal-Perit inkarigat minn dan il-proġett, iżda finalment kellha tintervjeni Transport Malta wara li huwa ikkomunika direttament mal-Ministru għat-

Trasport, Infrastruttura u Xogħlijiet Pubbliċi l-Onor. Chris Bonnett u mas-Sur Kurt Farrugia – Chief Executive Officer ta' Transport Malta sabiex instabu soluzzjonijiet fiċ-ċirkustanzi li nqalgħu.

5.4.6. Is-Sindku ħa din l-okkażjoni sabiex informa lill-membri preżenti li appena jitlesta x-xogħol f'din it-triq, ser jibda x-xogħol biex titkompla Triq il-Biedja.

5.4.7. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**5.5.1. Proġett 'Silva' fil-Mellieħa (A/3/Vol IV)**

5.5.2. Is-Sindku għarraf li fl-24 ta' Ġunju 2025, huwa ġie mistieden ikun preżenti waqt żjara li l-Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża l-Onor. Miriam Dalli u l-Onor. Stefan Zrinzo Azzopardi għamlu ġewwa l-Aħrax ta' Ġewwa biex isegwu l-proġett Silva li qed isir proprju fl-Aħrax ta' Ġewwa u anke fil-Miżieb .

5.5.3. Is-Sindku qal li Ambjent Malta permezz ta' dan il-proġett ser ikunu qed jirriabilitaw żoni li sofrew ħruq estensiv billi jerġgħu jħawlu numru ta' siġar u jintroduċu anke sistemi ta' irrigazzjoni biex dawn is-siġar ikunu jistgħu jissaqqew u ta' fire-hydrant f'każ ta' nirien. Apparti dawn ser jitneħħew ukoll is-siġar tal-acacia. Wara li jitlesta l-proġett, iż-żewġ żoni ser jibqgħu jieħdu ħsiebhom Ambjent Malta.

5.5.4. Is-Sindku qal li l-Kunsill ser jieħu ħsieb jaqsam l-informazzjoni mogħtija lilu minn Ambjent Malta mar-residenti u mal-pubbliku in ġenerali.

5.5.5. Preżenti għal din iż-żjara kien hemm ukoll il-Kunsillier J. Buttugieg u l-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar.

5.5.6. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**5.6.1 Korsijiet ta' Tagħlim Tul il-Ħajja (Lifelong Learning) (E/3/1/Vol III)**

5.6.2. Is-Sindku G. Micallef għarraf li bħalma kien isir fis-snin preċedenti, din is-sena l-Kunsill reġa' applika mad-Direttor għat-Tagħlim Tul il-Ħajja u l-Impjegabbilità sabiex joffri l-premises tiegħu biex ikunu jistgħu jsiru numru ta' korsijiet għall-adulti. Fil-fatt, il-Kunsill applika għal seba' korsijiet differenti madanakollu, kors wieħed biss ser isir fl-uffiċċju tal-Kunsill li huwa l-kors tal-Bizzilla taċ-Ċombini.

5.6.3. Sabiex ikun hemm kontinwità, is-Sindku qal li jekk il-membri preżenti jaqblu tinħareġ Espressjoni ta' Interess biex il-Kunsill jara liema korsijiet huma l-aktar mixtieqa mir-residenti kif ukoll kemm se jkun hemm applikanti għal kull kors. Wara jkun jista' jipproċedi bl-arranġamenti neċessarji sabiex dawn il-korsijiet ikunu jistgħu jsiru mill-Kunsill.

5.6.4. Il-Kunsilliera L. Darmanin qalet li l-kors tal-Malti għall-barranin importanti li jibqa' jsir fil-Kunsill peress li ilu jsir għal diversi snin u huwa wieħed mill-aktar korsijiet imfittxija.

5.6.5. Il-Kunsilliera L. Darmanin għarrfet ukoll illi hija flimkien mas-Sur Christian Mifsud, Clerical Officer attendew għall-meeting li d-Direttor organizza online sabiex il-Kunsilli Lokali ngħataw tagħrif dwar kif jilqgħu l-applikazzjonijiet u l-ħlasijiet tal-pubbliku in ġenerali.

5.6.6. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**5.7.1 L-Inizjattiva 'Vjal Kulħadd' (T/3/6)**

5.7.2 Is-Sindku G. Micallef irrefera għall-inizjattiva 'Vjal Kulħadd' u għaż-żewġ applikazzjonijiet li l-Kunsill issottometta għal Triq il-Qortin u Triq Selmun.

5.7.3. Is-Sindku qal li jixtieq jirreferi għal dik li tirrigwardja Triq il-Qortin għar-raġuni li kontinwament, il-Kunsill qed jirċievi imejls mingħand persuna dwar il-periklu li jeżisti f'din it-triq minħabba sewqan eċċessiv.

5.7.4. Huwa kompla billi qal li din il-persuna tibgħat numru ta' imejls b'mod regolari fir-rigward tal-periklu li jeżisti fi Triq il-Qortin u fi Triq ix-Xagħra ta' Barra, u huwa tal-opinjoni li sakemm jibdew ix-xogħlijiet marbuta mal-inizjattiva 'Vjal Kulħadd', il-Kunsill jitlob l-opinjoni ta' Transport Malta u b'hekk sadanittant il-Kunsill ikun qed jagħmel xi ħaġa biex jindirizza din il-problema.

5.7.5. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 5.8.1. Sewqan Eċċessiv fi Triq Edward Camilleri (T/3/2/Vol XVIII)

5.8.2. Is-Sindku G. Micallef talab għall-opinjoni tal-Kunsill fir-rigward ta' installazzjoni ta' speed humps fi Triq Edward Camilleri viċin il-kumpless tal-Mellieħa Sports Club, minħabba l-periklu li jeżisti f'din il-parti tat-triq. Huwa qal li l-bollards li saru riċentement għenu biex sewwieqa jnaqqsu mill-veloċità, izda xorta jidher li għad baqa' l-periklu.

5.8.3. Il-Kunsillier J. Buttigieg qal li l-ispeed humps mhumiex l-aħjar soluzzjoni fit-toroq iżda l-Kunsilliera C. Castillo qalet li hija l-unika ħaġa li ġġiegħel lis-sewwieqa jnaqqsu mill-veloċità. Hija qalet li llum il-ġurnata m'għadhomx jagħmluhom daqshekk għoljin u qed jagħmlu tat-tip 'raised plateau'.

5.8.4. Il-Kunsilliera C. Castillo qalet ukoll li sfortunatament ħafna nies ma jużawx il-pedestrian crossing biex jaqsmu, u dan qed ikun aktar ta' periklu.

5.8.5. Il-Kunsillier J. Cauchi qal li bil-bollards eżistenti, is-sewwieqa diġa' qed inaqqsu mill-veloċità.

5.8.6. Il-Kunsillier E. Bartolo qal li jekk isiru, iridu jsiru kull naħa tat-triq u jsiru tat-tip 'raised plateau'.

5.8.7. Il-Kunsillier J. Buttigieg qal li l-Kunsill seta' għamel il-pedestrian crossing tat-tip 'raised plateau.

5.8.8. Il-Viċi Sindku M. Borg Cuschieri qal li hemmhekk ikun hemm vetturi li ħerġin minn Triq l-Assedju l-Kbir, minn Triq il-Modd, vetturi ġejjin minn Triq Lewis Wettinger u għalhekk jeżisti dan il-periklu.

5.8.9. Il-Kunsilliera L. Darmanin qalet li kien hemm talba simili għal Triq il-Knisja l-Qadima, il-Manikata.

5.8.10. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti u qabel li tintalab l-opinjoni ta' Transport Malta.

## 5.9.1. Chess Buddies Malta Summer Meetups fil-Lokalità (S/4/2/Vol V)

5.9.2. Is-Sindku G. Micallef għarraf li l-Kunsill irċieva imejl datat 20 ta' Ġunju mingħand is-Sur Paul Schembri li huwa l-fundatur u l-kordinatur ta' Chess Buddies Malta fejn saret proposta sabiex il-Kunsill jorganizza sessjonijiet tal-logħob taċ-chess għat-tfal fil-Mellieħa matul ix-xhur tas-sajf. Is-Sindku qal li għalissa ma ngħatawx dettalji dwar dati u ħinijiet.

5.9.3. Il-Viċi Sindku M. Borg Cuschieri ssuġġerixxa li l-Kunsill joħloq google form li titpoġġa online sabiex il-Kunsill jara kemm ser ikun hemm tfal u studenti interessati u liema ħinijiet jippreferu. Huwa qal ukoll li l-Kunsill tat-Tfal jistgħu jiddiskutu din l-inizjattiva fil-laqgħa tagħhom li jmiss.

5.9.4. Il-Kunsillier J. Buttigieg staqsa jekk hux ser ikun hemm xi tip ta' ħlas involut iżda s-Sindku wieġeb li dawn is-sessjonijiet ser ikunu mingħajr ħlas.

5.9.5. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 5.10.1. Studju dwar il-Kapaċità ta' Tolleranza tal-Iżvilupp (Carrying Capacity) għal-Lokalità (M/6/Vol V)

5.10.2. Is-Sindku G. Micallef aċċenna għall-istudju dwar il-kapaċità ta' tolleranza tal-iżvilupp (carrying capacity) għal-lokalità tal-Mellieħa.

5.10.3. Huwa qal li l-Kunsill għandu jagħmel talba lill-entitajiet governattivi u jistaqsi primarjament fuq dawn il-materji:

(i) il-lokalità tal-Mellieħa għadha tiflaħ għal dan it-turiżmu kollu?;
(ii) it-trasport pubbliku fil-preżent qed ilaħħaq mad-domanda?;
(iii) il-lokalità għandha sitwazzjoni ta' żvilupp aktar milli tiflaħ?
(iv) il-lokalità x'servizzi aktar għandha bżonn?;
(v) fejn jidħol il-ġbir tal-iskart, hemm riżorsi biżżejjed biex ilaħqu mad-domanda?;
(vi) it-toroq u t-traffiku fil-lokalità qed jiġu indirizzati?.

5.10.4. Is-Sindku fakkar li matul is-sitt leġislatura tal-Kunsill Lokali tal-Mellieħa, il-Kunsill ta' dak iż-żmien kien għamel studju bl-isem 'Sustainable Development'/L-Iżvilupp Sostenibbli .

5.10.5. Il-Kunsillier J. Buttigieg qal li studju interessanti ieħor kien sar fis-sena 2014 mill-Għaqda Soċjali 8 ta' Settembru u jaħseb li ċertu informazzjoni li kien fih dan l-istadju għadha tgħodd sal-lum 'il ġurnata.

5.10.6.. Is-Sindku qal li l-aħħar traffic counts li saru fit-toroq prinċipali tal-Mellieħa saru fl-2013.

5.10.7. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti u qabel mal-ħsieb u l-importanza ta' dan l-istudju.

## 5.11.1 Installazzjoni ta' Bus Shelters (B/6/Vol V)

5.11.2. Is-Sindku G. Micallef għarraf li huwa flimkien mal-Kunsillier E. Bartolo u fil-preżenza tal-Perit M. Casha żaru l-postijiet kollha fejn hemm il-ħsieb li jsiru bus shelter ġodda. Fost dawn, il-bus shelter viċin Triq Adenau, żewġ bus shelters viċin il-lukanda Luna Holiday Complex, tliet bus shelters viċin il-lukanda db Seabank Resort and Spa, il-bus shelters matul il-promenade tal-Bajja tal-Għadira sal-parkeġġ faċċata tal-Għadira Caravan Site u l-bus shelter viċin Triq l-Armier.

5.11.3. Is-Sindku G. Micallef qal li fir-rigward tal-bus shelter viċin Triq Adenau, il-bus shelter ma joqgħodx għaldaqstant il-Kunsill irid jikkunsidra jieħu biċċa mill-art fuq in-naħa ta' wara tal-bus shelter eżistenti. L-istess problema teżisti fir-rigward tal-Bus Shelter li jinsab viċin il-Ventuno Restaurant fuq il-promenade tal-Bajja tal-Għadira. Sfortunament bus shelter hemmhekk ma joqgħodx.

5.11.4. Il-Kunsillier K. Buttigieg qal li meta kienet qed issir it-triq fl-2020, Infrastructure Malta kienet ħasbet biex issir built-out biex ikollu fejn joqgħod il-bus shelter. Il-Kunsillier J. Buttigieg qal li jekk ser tintuża l-art fuq in-naħa ta' wara, il-Kunsill ikollu bżonn jitlob encroachment ta' art pubblika.

5.11.5. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 5.12.1. Tisbiħ tat-Turġien fi Triq l-Isqof Pace u fi Triq Gorg Borg Olivier (P/4/17)

5.12.2. Is-Sindku G. Micallef għarraf li huwa flimkien mal-Kunsillier E. Bartolo u fil-preżenza tal-Perit M. Casha għamlu onsite meeting fit-turġien imsemmija. Huwa qal li kif kien ingħad fis-seduta preċedenti, il-Kunsill se jimxi fuq id-disinn tat-taraġ ta' Triq il-Madonna tal-Għar.

5.12.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 5.13.1. Kollaborazzjoni mal-Kunsill Reġjonali Tramuntana (K/15)

5.13.2. Il-Kunsilliera C. Castillo staqsiet jekk il-Kunsill kienx irċieva feedback fuq l-inizjattiva tal-Kunsill Reġjonali Tramuntana fir-rigward ta' information boards, welcome boards u mapep interattivi għall-Kunsilli Lokali fi ħdanu.

5.13.3. Is-Sindku G. Micallef wieġeb li s'issa l-Kunsill Reġjonali Tramuntana ma kien ta l-ebda feedback.

5.13.4. Il-Kunsill ħa nota tat-tagħrif mogħti.

### 5.14.1 Fashion & Beauty Show fil-Mellieħa (A/5/3/Vol XVI)

5.14.2. Il-Kunsilliera C. Castillo qalet li hija ġiet avviċinata minn skola tal-hairdressing dwar il-possibilità li tiġi organizzata Fashion & Beauty Show fil-Mellieħa. Hija qalet li l-ħsieb kien li din issir waqt l-edizzjoni ta' din is-sena tal-Iljieli Melleħin, iżda sfortunatament ma baqax żmien biżżejjed biex isiru l-preparamenti neċessarji. Madanakollu, hija pproponiet li din tidħol fil-kalendarju kulturali tal-Kunsill u possibiliment issir is-sena d-dieħla.

5.14.3. Il-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar qalet li l-Kunsill jista' joħroġ Espressjoni ta' Interess sabiex din l-inizjattiva tkun miftuħa għal kulħadd.

5.14.4. Il-Kunsilliera C. Castillo qalet li mill-informazzjoni li hija għandha, skola waħda biss hawn fil-Mellieħa. Hija qalet li f'din l-inizjattiva jistgħu jiġu amalgamati l-arti, il-moda u anke xi wirja ta' vetturi.

5.14.5. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 5.15.1. Skambji ta' Żjarat bejn il-Mellieħa u Cavriglia (K/1/5/3/Vol IV)

5.15.2. Il-Kunsillier E. Bartolo għarraf li nhar it-Tnejn 7 ta' Lulju 2025 wara nofsinhar tasal id-delegazzjoni minn Cavriglia, komposta minn sbatax-il żagħżugħ/a flimkien ma' tliet adulti. Huma għandhom Malta sal-14 ta' Lulju 2025.

5.15.3. Il-Kunsillier E. Bartolo qal li din id-delegazzjoni se tkun ospitata fil-kumpless tal-Mellieħa Sports Club fuq bażi bed and breakfast, għaldaqstant għall-ikla ta' nofsinhar u filgħaxija dawn ser jittieħdu jieklu f'ristoranti differenti fil-Mellieħa.

5.15.4. Is-Sur Bartolo qal ukoll li matul iż-żjara tagħhom fil-Mellieħa, dawn iż-żgħażagħ ser ikollhom l-opportunità li jattendu għal numru ta' lezzjonijiet tal-Ingliż kif ukoll ser iżuru l-postijiet ta' interess fil-Mellieħa u anke fl-Imdina u fil-Belt Valletta. Huwa qal li l-Kunsill ħejja programm apposta sabiex dawn iż-żgħażagħ jiltaqgħu mal-Kunsill u jżuru numru ta' għaqdiet lokali fosthom is-Società Filarmonica La Vittoria, l-Għaqda Mużikali Imperial, l-Għaqda Korali u Orkestrali Maria Bambina, Art Club 2000 u l-Mellieħa Scout Group. Iż-żgħażagħ ser ikollhom ukoll ħin liberu sabiex ikunu jistgħu jgawdu l-baħar fil-bajjiet ewlenin tal-Mellieħa. Il-programm tal-attivitajiet kollha ser jintbagħat lil kull membru tal-Kunsill appena jkun iffinalizzat.

5.15.5. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 5.16.1 Memorandum of Understanding dwar iż-Żamma ta' Latrini Pubbliċi (L/3/Vol III)

5.16.2. Is-Sindku rrefera għall-MOU dwar iż-Żamma ta' Latrini Pubbliċi u qal li dan qed jiġi finalizzat.

5.16.3. Huwa qal li huwa ttamat li dan il-ftehim jidħol fis-seħħ fl-1 ta' Lulju 2025.

5.16.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 5.17.1. Laqgħa ma' Selmun Sports Club (S/4/1/Vol II)

5.17.2. Il-Kunsillier K. Buttigieg għarraf li fit-13 ta' Ġunju 2025, il-Kunsill irrappreżentat mis-Sindku, mill-Viċi Sindku u minnu, iltaqgħu mas-Sur Simon Brincat, il-President ta' Selmun Sports Club.

5.17.3. Il-Kunsillier K. Buttigieg qal li fost il-materji diskussi kien hemm primarjament, ix-xogħlijiet ippjanati għall-multi purpost court fil-Park tal-Familja kif ukoll l-użu ta' numru ta' kmamar fil-Park stess, minn Selmun Sports Club.

5.17.4. Fil-fatt, is-Sur K. Buttigieg qal li s-Sur Simon Brincat għamel talba biex il-klabb tiegħu jkun jista' jagħmel użu minn żewġt ikmamar oħra apparti dawk li qed jużaw bħalissa. Is-Sur S. Brincat talab ukoll

li l-klabb ikun jista' jwaħħal tabella bil-kliem 'Selmun Sports Club' mal-kmamar li jużaw huma bħala klabb.

5.17.5. Is-Sur K. Buttigieg qal li kemm-il darba l-Kunsill jaċċetta li jalloka żewġt ikmamar oħra għal dan il-klabb, parti mill-art ta' kamra minnhom trid tinqala' biex issir bil-konkos peress li l-kamra ħa tintuża għall-isport tal-weightlifting, u fit-tielet kamra titpoġġa pool table. B'żieda ma' dan, il-klabb qed jitlob ukoll sabiex possibiliment il-Kunsill jagħmel xogħol ta' tikħil u tibjid f'dawn il-kmamar kif ukoll isaħħaħ l-art bil-konkos.

5.17.6. Is-Sindku G. Micallef qal li l-Kunsill jista' jagħmel xogħol ta' tikħil u tibjid fid-dressing rooms u l-kmamar l-oħra. Huwa qal li l-klabb talab ukoll li fil-Park tal-Familja jsiru canopies għall-ġenituri li jiġu jaraw lill-uliedhom jagħmlu l-isports.

5.17.7. Il-Kunsillier J. Buttigieg qal li qabel ma jsir u jitlesta x-xogħol fuq il-multi purpost court, huwa tal-opinjoni li ma jsirux affarijiet għalissa. Huwa qal ukoll li minħabba raġunijiet ta' sigurtà, waqt ix-xogħlijiet, il-multi-purpose court u l-kmamar ta' taħtu m'għandhomx jintużaw. Dwar l-użu tal-kmamar, huwa qal li hemm għaqdiet sportivi oħra li jagħmlu użu mill-park, u jista' jagħti l-każ li anke huma jitolbu sabiex jagħmlu użu minn xi kamra. Għal dan il-għan ma jarax li l-Kunsill għandu jestendi dak li diġa' qed joffri, għax importanti li l-Kunsill jara l-affarijiet b'mod ħolistiku.

5.17.8. Dwar it-tabella, is-Sindku G. Micallef qal li kien hemm qbil li fuq it-tabella jkun hemm il-kliem 'Selmun Family Park u jkun hemm l-istemma tal-Kunsill flimkien mal-istemma tal-għaqdiet sportivi li jagħmlu użu minnu.

5.17.9. Il-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar staqsiet jekk il-Kunsill għandux xi tip ta' ftehim mal-għaqdiet sportivi li jagħmlu użu mill-Park tal-Familja.

5.17.10. Il-Kunsillier J. Buttigieg qal li fil-passat kien hemm xi tip ta' ftehim ma' għaqdiet sportivi iżda tajjeb li wieħed jiċċekkja fuqhom. Huwa qal ukoll li l-Kunsill jista' jiċċekkja wkoll dwar il-possibilità tad-devoluzzjoni tal-Park, anke għall-fatt li l-Kunsill qed jagħmel ċertu spejjeż fih.

5.17.11. Is-Sur K. Buttigieg qal li bħala klabb għamlu polza ta' assigurazzjoni u anke risk assessment.

5.17.12. Il-Kunsillier E. Bartolo qal li l-Kunsill qabel jagħmel xi tip ta' manutenzjoni fil-kmamar għandu jara x'ispejjeż ser ikun hemm involuti. Hawnhekk il-Kunsillier K. Buttigieg qal li l-Kunsill jista' jitlob lill-klabb jipprovdi din l-informazzjoni.

5.17.13. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti u kien hemm qbil li Selmun Sports Club jingħata l-permess biex jagħmel użu minn kamra oħra u għaldaqstant ikunu ġew allokati total ta' tlett ikmamar.

## 5.18.1. The Distinguished Gentleman's Drive fil-Mellieħa (A/6/3/Vol X)

5.18.2. Is-Sindku għarraf li l-Kunsill irċieva imejl datat 23 ta' Ġunju 2025 mingħand il-ko-fundatur ta' Rotta dwar il-possibilità li The Distinguished Gentleman's Drive din is-sena tispiċċa fil-pjazza tal-Mellieħa.

5.18.3. Is-Sindku qal li d-data proposta hija t-28 ta' Settembru 2025 u matul dan l-avveniment ser jinġabru fondi b'risq Puttinu Cares.

5.18.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti u ma sab l-ebda oġġeżżjoni li din l-attività ssir fil-Mellieħa.

## 5.19.1. Il-Festa ta' San Ġwann tal-Ħġejjeġ (A/5/5/Vol X)

5.19.2. Is-Sindku G. Micallef xtaq jirringrazzja lill-membri tal-Kunsill, lill-istaff kif ukoll li kull min ta u ħa sehem fl-edizzjoni ta' din is-sena tal-Festa ta' San Ġwann tal-Ħġejjeġ. Huwa xtaq jirringrazzja partikolarment lill-għaqdiet u l-organizazzjonijiet kollha li meta l-Kunsill avviċinahom aċċettaw li jagħtu l-kontribut tagħhom.

5.19.3. Is-Sindku ssuġġerixxa li għall-edizzjoni tas-sena d-dieħla, ikun tajjeb jekk il-Kunsill jibda jaħseb sabiex ikollu sett kostumi tradizzjonali tiegħu peress li l-ispejjeż sabiex dawn jinkrew kull sena qed jiżdiedu sostanzjalment.

5.19.4. Il-Viċi Sindku M. Borg Cuschieri ssuġġerixxa li għall-benefiċċju tat-turisti, parti mill-qari tal-Bandu jista' jkun bl-Ingliż ukoll mhux bil-Malti biss, sabiex it-turisti jkunu jistgħu jifhmu aħjar is-sinifat ta' din iċ-ċelebrazzjoni.

5.19.5. Il-Kunsillier J. Cauchi qal li rċieva xi kummenti negattivi peress li l-attività saret f'naħa waħda biss tal-pjazza u ma ntużatx il-pjazza kollha. Huwa qal li b'din id-deċiżjoni bħala Kunsill deher li ma kienx inkluživ.

5.19.6. Il-Kunsilliera C. Castillo issuġġerit li sena oħra l-attività tista' ssir fil-parti l-oħra tal-pjazza u l-Kunsill jista' jiddeċiedi li tibqa' ssir hekk sena b'sena.

5.19.7. Il-Viċi Sindku M. Borg Cuschieri qal li biex l-attività ssir fil-pjazza kollha, il-Kunsill irid ikabbar l-avveniment.

5.19.8. Il-Kunsillier E. Bartolo qal li jekk ikun hemm sistema ta' rotation jiġifieri sena ssir naħa u sena oħra ssir naħa oħra, il-Kunsill ikun qed ikun ġust ma' kulħadd.

5.19.9. Il-Kunsillier J. Buttigieg qal li l-Kunsillier J. Cauchi għandu punt. Fil-fatt il-każin tal-Għaqda Mużikali Imperial kien vojt. Is-Sur J. Buttigieg qal li l-ħuġġieġa u l-palk setgħu jsiru fin-nofs tal-pjazza faċċata ta' Triq il-Madonna tal-Għar.

5.19.10. Is-Sindku G. Micallef wieġeb li jekk isir hekk, tkun qed titbiegħed mill-banda li tkun qed itella' l-programm mużikali. Huwa qal li kien għalhekk li l-armar tal-istands u l-artisti tpoġġew f'dik il-parti tal-pjazza biex kollox ikun miġbur naħa waħda. Huwa qal li ma kienx hemm artisti u stands biżżejjed biex tferrixhom mal-pjazza kollha. Madanakollu huwa saħaq li l-pjazza kollha kienet armat bil-pavaljuni u l-bnadar.

5.19.11. Il-Kunsillier J. Buttigieg qal li l-artisti setgħu kienu mifruxin aktar u possibiliment kollox ikun konċentrat lejn in-nofs tal-pjazza biex l-Għaqda Mużikali Imperial ma jħossuhomx maqtugħin barra. Dwar il-proposta li l-avveniment jikber, huwa qal li ikun tajjeb jekk il-Kunsill jikkunsidra din il-proposta iżda jrid jikkunsidra wkoll l-ispejjeż li ser ikun hemm involuti.

5.19.12. Is-Sindku G. Micallef qal li l-Kunsill ċertament li qatt ma kellu l-intenzjoni li jeskludi lil xi ħadd minn din l-attività. Huwa reġa' tenn li l-armar u t-tiżjin sar mal-pjazza kollha. Madanakollu tenna li kulħadd huwa konxju tar-restrizzjonijiet li llum il-ġurnata jeżistu fil-pjazza.

5.19.13. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**5.20.1. Il-proġett tal-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma fit-toroq prinċipali tal-Mellieħa (W/2/Vol II)**

5.20.2. Is-Sindku G. Micallef għarraf li s-sejħa għall-offerti biex isiru dawn ix-xogħlijiet, qegħda fil-final stages tar-reviewing. Huwa qal li fl-opinjoni tiegħu issa ser ikun diffiċli li x-xogħlijiet jibdew tard din is-sena. Għal dan il-għan, huwa ssuġġerixxa li l-Kunsill jikkomunika mas-sidien u mal-operaturi ta' stabbilimenti kummerċjali sabiex dawn jiġu aġġornati fuq il-proġett u jiġu mgħarrfa dwar il-possibilità li x-xogħlijiet ser jittardjaw b'sena.

5.20.3. Il-Kunsillier J. Buttigieg fakkar li numru ta' lukandi ma kinux ser jieħdu bookings għal din ix-xitwa peress li kien ħa jkun hemm ix-xogħlijiet għaddejjin fil-viċinanzi tal-lukandi tagħhom. Għal dan il-għan jaqbel li l-Kunsill għandu jinnotifikahom dwar l-aħħar żviluppi.

5.20.4. Il-Kunsilliera C. Castillo qalet li importanti li l-Kunsill jagħti aġġornament lil dawn l-operaturi biex l-affarijiet ikunu ċari magħhom u dawn ma jispiċċaw isofru xi danni, li jispiċċaw ifittxu legalment għalihom lill-Kunsill.

5.20.5. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 5.21.1. Sejbiet Arkeoloġiċi Importanti fl-inħawi magħrufa bħala 'Il-Latnija' (T/12/1)

5.21.2. Is-Sindku G. Micallef irrefera għal-laqgħa ta' informazzjoni li saret nhar it-Tnejn, 16 ta' Ġunju 2025 għall-membri u l-istaff tal-Kunsill. Matul din il-laqgħa l-arkeoloġisti l-Prof. Eleonor Scerri u l-Prof. Nicholas Vella taw spjegazzjoni dettaljata fuq is-sejbiet arkeoloġiċi li nstabu f'Tal-Latnija u kif ser ikun qed jiżvolġi dan il-proġett. Ipparteċipa wkoll is-Sur Kevin Borda ċ-Chief Officer tas-Sovrintendenza għall-Wirt Kulturali. Is-Sindku qal li f'isem il-Kunsill, huwa wiegħed li l-Kunsill se jkun parteċipi u jikkolabora f'dan il-proġett, speċjalment fid-distribuzzjoni tal-informazzjoni lill-pubbliku in ġenerali.

5.21.3. Is-Sindku għarraf li l-istess kelliema ser imexxu l-laqgħa pubblika li l-Kunsill ħa ħsieb jorganizza għall-pubbliku in ġenerali għal nhar is-Sibt 28 ta' Ġunju 2025.

5.21.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif.

### 5.22.1. Taraġ ir-Rand (D/3/1/Vol XIV)

5.22.2. Il-Kunsilliera C. Castillo qalet li rċeviet talba sabiex il-Kunsill jagħmel xogħol ta' manutenzjoni f'Taraġ ir-Rand.

5.22.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti u qabel li ssir spezzjoni fuq il-post sabiex jiġi identifikat x-xogħol meħtieġ.

### 5.23.1. Iljieli Melleħin 2025 (A/5/3/5/Vol XVII)

5.23.2. Is-Sindku G. Micallef irrefera għall-edizzjoni ta' din is-sena tal-Iljieli Melleħin li ser issir il-25 ta' Lulju 2025 fil-Manikata, is-26 u s-27 ta' Lulju 2025 fil-Mellieħa u fit-8 ta' Awwissu 2025 f'Selmun. Huwa għarraf li l-Awtorità Maltija għat-Turiżmu ser tkun qed tagħti għajnuna finanzjarja li tammonta għal €5,000 b'risq din l-attività.

5.23.3. Is-Sindku qal li fir-rigward tal-Manikata, din is-sena l-kuntest ser ikun differenti minn tas-solti. Fil-fatt, huwa qal li l-Kumitat Festa San Ġużepp Manikata ser ikunu qed jorganizzaw wirja ta' vetturi, kunċert live minn DJ lokali u ser ikun hemm ukoll stands li jbiegħu l-ikel u x-xorb. Is-Sindku qal li propju għada huwa għandu laqgħa l-Manikata u ser jissuġġerixxi li possibiliment il-Knisja tal-Manikata tibqa' miftuħa fit-tard u ġo fiha tittella' wirja kif ukoll tiġi organizzata tombla fis-sala parrokkjali.

5.23.4. Dwar is-Sibt 26 ta' Lulju 2025, is-Sindku qal li l-attivitajiet ser jibdew għall-ħabta tas-7.30pm. Din is-sena fi Triq Gorg Borg Olivier ser ikun hemm palk armat fil-pjazzetta faċċata tal-ex HSBC u ieħor n-naħa tal-Villagers. Tikka Banda ser tkun qed tanima lill-pubbliku matul it-triq kollha bejn palk u ieħor. Il-wirja ta' vetturi minn dilettanti u kollezzjonisti ser tibda mill-bidu ta' Triq Gorg Borg Olivier sal-bidu ta' Triq il-Marfa. Qed isir kuntatt ma' Project Green, Saving our Blue, Virtual Malta, WSC sabiex dawn l-entitajiet jipparteċipaw u jinħoloq aktar għarfien dwar l-importanza tal-ambjent madwarna. Misraħ iż-Żjara tal-Papa Ġwanni Pawlu II ser ikun armat bi stalls u mwejjed tal-artiġġjanat lokali. Fil-Bitħa tas-Santwarju Nazzjonali Madonna tal-Mellieħa, il-Kunsill ser jipprova jilħaq l-għoxrin artist li ser ikunu qed ipinġu fil-beraħ u anke jtellgħu esebizzjonijiet tax-xogħol tagħhom. Hemmhekk ukoll is-sehem tal-Art Club 2000 li minbarra l-esebizzjoni, din is-sena ser ikunu qed joħolqu rokna għat-tfal fejn ikunu Jistgħu joqogħdu jpinġu. Ser isiru kuntatti sabiex għal darb'oħra jieħdu sehem Malta Owls u Malta Falconry Centre. F'Misraħ il-Parroċċa ser issir il-barbecue tradizzjonali mill-Għaqda tan-Nar Maria Bambina u ser ikun hemm il-Kids' Area fil-bidu tal-pjazza. Fi Triq il-Parroċċa minn bejn Triq il-Qalb Imqaddsa sa Triq San Luqa, hemm il-ħsieb li jkun hemm attrazzjoni folkloristika bħal għana jew tieġ Malti li joħroġ mis-sede tal-Għaqda Korali u Orkestrali Maria Bambina.

5.23.5. Is-Sindku kompla billi qal li kemm is-Sibt kif ukoll il-Ħadd, fis-sede tal-każin tal-banda tas-Società Filarmonica La Vittoria ser tittella' wirja ta' Żmien it-Tieni Gwerra Dinjija u fis-sede tal-każin tal-Banda Imperial ser tittella' wirja dwar Jean de la Valette. Huwa qal ukoll li Anakron jistgħu jipparteċipaw biss fil-Lejla Selmunija fit-8 ta' Awwissu 2025, filwaqt li Projekt Lazarus sfortunatament ma jistgħux jipparteċipaw lanqas. Is-Sindku għarraf ukoll li wara laqgħa li kellu ma' Ms Tara Darmanin, jistgħu jiġu organizzati guided tours fis-Santwarju Nazzjonali Madonna tal-Mellieħa, fil-Knisja Arċipretali kif ukoll fix-Xelters taż-Żmien it-Tieni Gwerra Dinjija. Għal dan il-għan, għandha ssir talba lill-Arċipriet biex possibiliment il-Knisja Arċipretali u s-Santwarju jibqgħu miftuħin fit-tard. Bħala kunċerti live, is-Sibt ser tieħu sehem JAMM Band u l-Ħadd Ryan Abela Band.

5.23.6. Il-Viċi Sindku M. Borg Cuschieri ssuġġerixxa li jkun hemm area tal-logħob fejn wieħed jista' jieqaf u jilgħab logħob differenti.

5.23.7. Dwar Lejla Selmunija, is-Sindku qal li l-format tas-serata ħa jkun bħal tas-soltu. Fejn jidħol armar tas-siġġijiet u stands, is-Sindku ssuġġerixxa li għandha titkabbar l-area. Il-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar issuġġerit li jkun hemm aktar dawl in-naħa l-oħra tat-triq peress li s-sena l-oħra kienet imdalma. Il-Viċi Sindku M. Borg Cuschieri qal li l-Fondazzjoni Arkeo tixtieq tikkolabora f'din l-attività.

5.23.8. Fl-aħħarnett, is-Sindku qal li aktar 'il quddiem ser ikun qed iħejji preżentazzjoni biex tingħata spjegazzjoni aktar fid-dettal tal-programm sħiħ.

5.23.9. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 5.24.1. Estensjoni tal-Impjant tad-Drenaġġ fl-inħawi taċ-Ċumnija, il-Qammieħ (D/1/Vol III)

5.24.2. Is-Sindku għarraf li l-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma aċċettaw li jiltaqgħu ma' dawk il-bdiewa li talbu li ssir laqgħa u l-laqgħa ser issir fl-1 ta' Lulju 2025 fl-uffiċini tal-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma f'Ħal Luqa. Is-Sindku qal li hemm madwar ħames bdiewa interesati li jattendu.

5.24.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 5.25.1. Kollaborazzjoni maċ-Ċentru Anzjanità Attiva tal-Mellieħa (A/1/5)

5.25.2. Il-Kunsilliera K. Buttigieg qal li huwa flimkien mal-Kunsilliera L. Darmanin fl-okkażjoni ta' 'Jum il-Missier', żaru r-residenti tad-Dar Residenzjali Madonna tal-Mellieħa u l-membri taċ-Ċentru Anzjanità Attiva tal-Mellieħa.

5.25.3. Is-Sur K. Buttigieg qal li kif kienu ċ-Ċentru Anzjanità Attiva tkellmu mas-supervisor Ms Christine Galea li ssuġġerit li l-Kunsill jipprovdi jew kamra fil-Park tal-Familja jew inkella s-sala Joseph Borg sabiex ikunu jistgħu jsiru lezzjonijiet tat-Tai Chi, peress li fiċ-ċentru hemm nuqqas ta' spazju adegwat. Huwa qal ukoll li dakinhar f'isem il-Kunsill, hu flimkien mas-Sinjura L. Darmanin ippreżentaw it-t-shirts bl-arma tal-Kunsill lill-membri preżenti.

5.25.4. Il-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar issuġġerit li l-Kunsill joffi s-Sala Joseph Borg.

5.25.5. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti u qabel li l-membri jistgħu jagħmlu użu mis-sala Joseph Borg.

## 5.26.1. Proġetti iffinanzjati taħt il-programm Erasmus+ tal-Unjoni Ewropea (P/10/35)

5.26.2. Il-Kunsillier J. Cauchi għarraf li fuq proposta tas-Servizzi Ewropej f'Malta (SEM), il-Kunsill għamel sottomissjoni ta' applikazzjoni li bħalissa għadha qed tiġi riveduta min-naħa tas-SEM stess.

5.26.3. Il-Kunsillier J. Cauchi qal li l-Kunsill mar għal Għażla Numru 2 - Solidarity Project in the Community fejn il-Kunsill jrid jidentifika ħames żgħażagħ li jmexxu programm għal sena immirat li jindirizza tema partikolari.

5.26.3. Is-Sur J. Cauchi qal li hekk kif is-SEM jibgħatu l-feedback tagħhom fuq din l-applikazzjoni lill-Kunsill, il-Kunsill irid jidentifika ħames żgħażagħ. Huwa ssuġġerixxa li l-Kunsill jagħmel kuntatt ma' PULSE, SDM u għaqdiet tal-istudenti oħrajn li jkollhom network maż-żgħażagħ anke barranin.

5.26.4. Il-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar issuġġerit li jsir kuntatt mal-Mellieħa Netball Team peress li dan it-tim hu magħmul kollu kemm hu minn żgħażagħ. Hija staqsiet meta hu mistenni li l-Kunsill jirċievi l-feedback.

5.26.5. Il-Kunsillier J. Cauchi wieġeb li l-feedback ser jingħata sal-aħħar ta' Lulju 2025 u sa Ottubru 2025, il-Kunsill irid jissottometti l-applikazzjoni tiegħu.

## 5.27.1. Laqgħa dwar il-Festa ta' San Ġużepp fil-Manikata u l-Festa tal-Vitorja fil-Mellieħa (F/2/Vol VIII)

5.27.2. Is-Sindku G. Micallef qal li l-laqgħa mal-għaqdiet lokali, il-Pulizija u l-LESA ċdwar il-kordinament tal-Festa tal-Vitorja fil-Mellieħa ser issir nhar il-Ħamis 3 ta' Lulju 2025 fis-7.15pm fis-sala Joseph Borg. Huwa qal li min-naħa tal-Pulizija ser jattendu fost oħrajn is-Surġent Anton Buttigieg mill-Għassa tal-Qawra.

5.27.3. Is-Sindku qal ukoll li sfortunatament il-Kappillan tal-Manikata ma setax jattendi għal din il-laqgħa minħabba mpennji oħra u għaldaqstant il-laqgħa dwar il-Festa ta' San Ġużepp kellha tiġi posposta. Il-Kunsill ser jieħu ħsieb jipproponi data oħra.

5.27.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 5.28.1. It-Torri l-Abjad (A/6/7/1/Vol II)

5.28.2. Il-Viċi Sindku M. Borg Cuschieri xtaq jirreferi għal dak li kien qed jiġi rrapurtat mill-midja soċjali fuq it-Torri l-Abjad u l-avveniment li sar proprju fit-Torri l-Abjad fil-21 ta' Ġunju 2025 li sfortunatament qanqal ħafna kontroversji. Il-Viċi Sindku staqsa x'posizzjoni ser ikun qed jieħu l-Kunsill f'dan ir-rigward.

5.28.3. Il-Kunsillier J. Buttigieg staqsa jekk l-organizzatur ġiex il-Kunsill jagħmel permess.

5.28.4. Is-Sindku G. Micallef qal li huwa kien tkellem mal-President ta' Din l-Art Ħelwa s-Sur Patrick Calleja, u l-għan ewlieni wara dawn l-avvenimenti fit-Torri l-Abjad kien, sabiex isir fund-raising b'risq id-dormitorju fl-istess torri. Fil-fatt, is-Sindku qal li l-Kunsill kien mistieden għat-tnedija ta' dawn il-Corporate Events u preżenti kien hemm ukoll l-organizzatur imqabbad f'isem Din l-Art Ħelwa sabiex jorganizza dawn l-attivitajiet. Huwa qal ukoll li sfortunatament irriżulta li dan il-party sar minn wara dahar Din l-Art Ħelwa.

5.28.5. Dwar il-permess, is-Sindku wieġeb li l-Kunsill ħareġ permess biss għall-ikla u gathering wara u mhux għal party ta' dak it-tip. Fil-fatt meta l-Kunsill jirċievi talbiet simili għal dawn it-tip ta' avvenimenti, l-organizzatur jiġi mitlub jikseb il-permessi neċessarji mill-Pulizija u entitajiet oħra responsabbli.

5.28.6. Il-Kunsillier J. Buttigieg irrefera għall-ftehim li l-Kunsill għamel ma' Din l-Art Ħelwa fis-sena 2016 dwar it-Torri l-Abjad liema ftehim qal li jiskadi fis-sena 2026. Is-Sur J. Buttigieg qal li dan il-ftehim sar wara li t-Torri l-Abjad kien ġie devolut lill-Kunsill. Is-Sur J. Buttigieg qal ukoll li l-Kunsill jista' jitlob li dan il-ftehim jiġi rtirat u semma l-lista ta' attivitajiet li skond il-ftehim jistgħu jsiru fit-Torri l-Abjad. Jista' jagħti l-każ li l-Kunsill jiddeċiedi li x'ħin jiskadi, il-ftehim ma jerġax jiġġedded u jekk jiġri hekk, Din l-Art Ħelwa ma tieħu xejn lura mill-affarijiet li tkun għamlet fit-Torri.

5.28.7. Il-Kunsillier J. Buttigieg qal ukoll li item 11 ta' dan il-ftehim tgħid li għandu jkun hemm Liaison Committee kompost minn Chairman u Kunsillier min-naħa tal-Kunsill u membru ieħor maħtur minn Din l-Art Ħelwa. Dan il-Liasion Committee irid jara li dak li hemm imniżżel fil-ftehim jiġi mħares u jżomm rekords relatati mal-proprjetà. Din l-Art Ħelwa, min-naħa tagħha kull sena trid tipprepara management report fuq din il-proprjetà. Dan il-kumitat irid jiltaqa' minn tal-inqas darbtejn f'sena biex jiddiskuti dan il-management report u materji oħra. Minn naħa l-oħra, is-Sur Buttigieg qal, li l-Kunsill huwa marbut b'lease agreement mal-Awtorità tal-Artijiet, u l-Kunsill irid jinforma lill-aworità kemm-il darba tinbidel xi klawsola minn dan il-ftehim.

5.28.8 Il-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar irrimarkat li sfortunatament kien hemm xi flora fl-inħawi li tneħħiet sabiex minflok sar turf artifiċjali u ssuġġerit li l-Kunsill għandu jiġbed l-attenzjoni tal-ERA f'dan ir-rigward. Hija nsistiet ukoll li l-Kunsill għandu jiċċara l-posizzjoni tiegħu fuq il-mezzi tal-midja soċjali.

5.28.9. Il-Kunsillier J. Buttigieg issuġġerixxa li l-Kunsill isejjaħ laqgħa ma' Din l-Art Ħelwa li matulha jiġi diskuss il-ftehim eżistenti.

5.28.10. Fir-rigward tal-Liaison Committee, is-Sindku ssuġġerixxa li ssir diskussjoni fuq min għandu jkun iċ-Chairperson u l-Kunsillier fi ħdan dan il-kumitat u l-membri tal-Kunsill qablu li bħala Chairperson il-Kunsill għandu jissuġġerixxi lis-Sur Pawlino Mifsud u bħala Kunsillier lis-Sur John Buttigieg.

5.28.11. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 5.29.1. Armar ta' sunbeds fuq il-bajjiet (X/1/4/Vol II)

5.29.2. Il-Viċi Sindku staqsa jekk il-Kunsill jistax jiċċekkja mal-awtoritajiet konċernati dwar l-encroachments li sidien ta' stabbilimenti li jikru s-sunbeds għandhom fuq il-bajjiet, biex il-Kunsill ikun ċert li mhux qed ikun hemm abbużi.

5.29.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti u qabel li għandha tintbagħat ittra lill-Awtorità tal-Artijiet dwar dan.

## 5.30.1. Wirjiet u Esebizzjonijiet minn Art Club 2000 (S/6/Vol VI)

5.30.2. Is-Sindku qal li l-Kunsill irċieva imejl datat 22 ta' Ġunju 2025 mingħand Art Club 2000 fejn qed jitolbu sabiex il-Kunsill jissieħeb magħhom fl-organizazzjoni tal-wirjiet u esebizzjonijiet li ser isiru mill-klabb bejn Lulju u Settembru 2025.

5.30.3. Is-Sindku ssuġġerixxa li l-Kunsill jista' jara kif jista' jikkolabora anke għall-fatt li Art Club 2000 ser ikunu qed jagħtu servizz lill-Kunsill waqt l-Iljieli Melleħin 2025.

5.30.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 5.31.1. Is-Servizz Silver T fil-Mellieħa (A/1)

5.31.2 Il-Kunsilliera L. Darmanin irreferit għas-servizz Silver T offrut mid-Dipartiment għall-Anzjanità Attiva u l-Kura fil-Komunità, u mmirat sabiex iwassal lill-anzjani ta' 'l fuq minn sittin sena biex jagħmlu l-qadi tagħhom u għal xi appuntamenti li jista' jkollhom fil-komunità tagħhom. Hija qalet li tixtieq li l-Kunsill jikteb lil dan id-Dipartiment sabiex possibiliment dan is-servizz jiġi estiż minħabba d-domanda li qed ikun hemm mill-anzjani Melleħin.

5.31.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti u qabel li għandha tintbagħat talba f'dan ir-rigward.

**5.32.1. Installazzjoni ta' Lampi Ġodda fi Triq il-Peprin, Triq il-Padrun, Triq Edward Camilleri u Triq il-Kbira (E/1/3/Vol VI)**

5.32.2. Is-Sindku ta aġġornament dwar l-installazzjoni ta' lampi ġodda fit-toroq Peprin, Padrun, Edward Camilleri u Kbira fejn qal li l-applikazzjoni sabiex il-Kunsill jkun jista' jiffinanzja dan il-proġett permezz tad-Development Planning Fund, qed tiġi verifikata min-naħa tal-Awtorità tal-Ippjanar.

5.32.3. Fir-rigward tal-permessi neċessarji biex isiru t-trinek fit-toroq, is-Sindku qal li dawn ġew sottomessi lil Transport Malta li min-naħa tagħha talbet biex il-kuntrattur jipprovdi pjanti ġodda għax dawk ippreżentati ma kinux ċari.

5.32.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**5.33.1. Sejħa għall-Kwotazzjonijiet dwar Servizz ta' Trasport għall-Anzjani (A/1/5)**

5.33.2. Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv għarrfet li jeħtieġ li ssir sejħa għall-kwotazzjonijiet dwar is-servizz ta' trasport li l-Kunsill jipprovdi lill-anzjani li jattendu ċ-Ċentru Anzjanità Attiva tal-Mellieħa peress li l-kwotazzjoni preċedenti ġiet eżawrita.

5.33.3. Hija qalet li riċentement iċ-Ċentru Anzjanità Attiva rċieva talbiet sabiex dan is-servizz jiġi estiż għal żoni fl-Armier, peress li hemm anzjani li joqogħdu f'dawn l-outlying areas.

5.33.4. Il-Kunsillier J. Buttigieg staqsa jekk hux ser ikun hemm tibdil fil-ġranet li jiġi pprovdut dan is-servizz u jekk bħala vann hux ser jibqa' li jesa' sbatax-il persuna. Huwa ssuġġerixxa wkoll li meta l-Kunsill jagħmel is-sejħa, jagħmel żewġ opżjonijiet kemm għall-vettura Euro 5/Euro 6 kif ukoll għal vettura li taħdem bl-elettriku.

5.33.5. Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv li bħala ġranet u bħala vann, ħa jibqgħu l-istess jiġifieri li s-servizz ħa jibqa' jiġi offrut kull nhar ta' Tlieta u kull nhar ta' Ħamis u l-vann li jesa' sbatax-il persuna.

5.33.6. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**5.34.1. Twaqqif ta' Fencing fi Ġnien il-Qigħan (P/5/2)**

5.34.2. Il-Kunsillier J. Buttigieg irrefera għall-korrispondenza datata 26 ta' Mejju 2025 u mibgħuta mill-Ombudsman dwar CEP-25-6081: Twaqqif ta' fence fil-parti t'isfel ta' Gnien il-Qighan minn CareMalta Ltd u staqsa jekk kienx hemm żviluppi f'dan il-każ.

5.34.3. Is-Sindku G. Micallef wieġeb li l-Ombudsman għarraf lill-Kunsill li ħa jinvestiga dan il-każ iżda sal-lum ma kienx hemm żviluppi ġodda.

5.34.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**5.35.1. Ftehim Kollettiv Ġdid għall-Ħaddiema Klerikali (P/7/1/Vol XVII)**

5.35.2. Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv M. Gambin għarrfet li b'rabta mal-Ftehim Kollettiv il-ġdid għall-ħaddiema klerikali tal-Kunsilli Lokali, il-Kunsill Lokali ntalab mid-Diviżjoni għall-Gvern Lokali jagħmel eżerċizzju ta' assimiljazzjoni għal dawk il-ħaddiema li kienu impjegati tal-Kunsill qabel l-1 ta' Jannar 2024.

5.35.3. Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv għarrfet li dan l-eżerċizzju ntalab isir sabiex kull impjegat jiġi assenjat il-grad u l-iskala xierqa, minn kemm ilu jaħdem mal-Kunsill sal-1 ta' Jannar 2024. Hija qalet li dan l-eżerċizzju sar min-naħa tal-Kunsill Lokali tal-Mellieħa u anke inħaddmu l-arretrati dovuti għas-sena 2024 u 2025, sabiex dawn jitħallsu lill-impjegati rispettivi hekk kif l-ammonti jiġu kkonfermati mid-Diviżjoni għall-Gvern Lokali. Permezz ta' dan il-ftehim kollettiv, l-impjegati tal-Kunsill li ġew affettwati kienu s-segwenti:

(i) Gambin Marica – Deputy Executive Secretary in Scale 9 (minn skala 10)
(ii) Muscat Yvonne – Administration Officer 1 (minn uffiċjal klerikali fi skala 13)
(iii) Mifsud Christian – Clerical Officer in Scale 13 (minn uffiċjal klerikali fi skala 14)
(iv) Caruana Petra – Clerical Officer in Scale 14 (minn uffiċjal klerikali fi skala 14)

5.35.4. Hija żiedet tgħid li d-Diviżjoni għall-Gvern Lokali se tagħmel rimborż tal-ispejjeż tal-arretrati marbuta mas-sena 2024.

5.35.5. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 5.36.1. Proċedura dwar il-Korrispondenza (K/1)

5.36.2. Il-Kunsillier J. Buttigieg talab lid-Deputat Segretarju Eżekuttiv tispjega kif inhi l-proċeduta tal-korrispondenza li l-Kunsill jirċievi u li l-Kunsill jibgħat.

5.36.3. Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv għarrfet li l-korrispondenza kemm dik li jirċievi l-Kunsill kif ukoll dik li jibgħat il-Kunsill, għadhom jiġu rreġistrati kif kienu jsiru minn dejjem, fid-database tal-Incoming Mail u tal-Outgoing Mail. Hija għarrfet ukoll li dan isir sabiex mad-dokumentazzjoni li tintbagħat lill-membri tal-Kunsill għal kull seduta, ikunu jistgħu jintbagħtu wkoll l-iskedi tal-korrispondenza li tkun waslet jew intbagħtet bejn seduta u oħra.

5.36.4. Il-Kunsillier J.Buttigieg staqsa wkoll liema imejls qed jiġu reġistrati fl-iskedi imsemmija.

5.36.5. Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv għarrfet li jiġu reġistrati l-imejls kollha li l-Kunsill jibgħat u jirċievi fuq il-generic emails: mellieha.lc@gov.mt. u customercare.mellieha.lc@gov.mt.

5.36.6. Il-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar talbet spjegazzjoni għall-fatt li f'ċertu imejls mibgħuta mis-Sindku, mhux qed jiġu kkupjati l-Kunsilliera kollha u ġibdet l-attenzjoni tal-Viċi Sindku M. Borg Cuschieri sabiex dawn l-affarijiet jinnutahom u jieħu ħsieb li dan ma jibqax isir. Hija qalet li mhux sewwa li ċertu Kunsilliera qed ikunu kkupjati u oħrajn le u enfasizzat li l-Kunsill għandu jaħdem bħala tim wieħed.

5.37.7. Is-Sindku G. Micallef qal li huwa bħala Sindku jrid jaħdem u jirsisti għax dak huwa d-dover tiegħu madanakollu skuża ruħu għal dan il-nuqqas u qal li minn issa 'l quddiem ser jieħu ħsieb li jinkludi fl-imejls lill-Kunsillier jew Kunsilliera responsabbli mill-materja li tkun qed tiġi ttrattata.

5.37.8. Il-Kunsillier J. Buttigieg qal li huwa wkoll iħoss li mhux ħaġa sewwa li mhux il-Kunsilliera kollha ġew ikkupjati f'ċertu imejls.

5.37.9. Il-Viċi Sindku M. Borg Cuschieri qabel li l-Kunsilliera għandhom jirċievu dawk l-imejls li jkunu relatati mar-responsabilitajiet tagħhom.

5.37.10. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 6.1.1 Rendikont Finanzjarju – Jannar / Marzu 2025 (F/1/1/Vol IV)

6.1.2. L-accountant tal-Kunsill is-Sur Daniel Galea ingħaqad b'mod virtwali għal din il-parti tas-seduta u stqarr li l-figuri f'dan ir-rendikont finanzjarju għall-ewwel kwart tas-sena 2025 jindikaw li l-Kunsill mexa mal-baġit li għandu għas-sena 2025. Huwa qal li d-dħul tal-Kunsill matul il-perjodu Jannar/Marzu 2025 kien jammonta għal €319,887 li jikkonsisti f'€291,716 bħala Allokazzjoni tal-Gvern Ċentrali, €23,448 bħala ħlasijiet relatati ma' permessi mill-Kunsill Lokali, €2,662 kienu ġejjin mil-Infurzar tal-Liġi u €2,061 minn dħul ieħor.

6.1.3. Il-valur tal-Assi Kurrenti naqas b'€307,370 meta mqabbel mat-tliet xhur ta' qabel u kien ta' €2,814,998. Dawn kienu jikkonsistu f'*Cash and Cash Equivalents* li jammontaw għal €2,732,093, Inventarji (*Stocks*) €12,418, u ammonti li kienu dovuti lill-Kunsill, illi ammontaw għal €70,487.

6.1.4. L-Obbligazzjonijiet Kurrenti Netti naqsu minn €1,577,403 għal €1,256,420 . Dawn kienu magħmula minn €52,638 Ammonti Pagabbli, €58,415 Accruals u €1,145,367 Deferred Income.

6.1.5. In-nefqa għall-perjodu kopert bir-rapport kienet tammonta għal €343,155 u tikkonsisti minn €66,294 fuq Pagi (f'dan l-ewwel kwart kien hemm żewġ pagi ta' Segretarju Eżekuttiv), Onorarji u *Allowances*, €165,774 fuq Operazzjonijiet u Manutenzjoni, €19,763 fuq l-Amministrazzjoni, filwaqt li d-Deprezzament fuq assi permanenti ġie kkalkulat għal €91,324.

6.1.6. Kien spjegat li mill-bidu tas-sena rriżulta *deficit* ta' €23,368. Meta wieħed iqis dawn il-fatturi kollha, jirriżulta li l-Indikatur tas-Sitwazzjoni Finanzjarja żied b'20% fuq it-trimestru preċedenti u kien 130%. Dan ifisser li l-Kunsill għandu l-qagħda finanzjarja tiegħu b'saħħitha ħafna.

6.1.7. Il-valur fiss tal-assi permanenti akkwistati minn Jannar permezz ta' fondi ordinarji tal-Kunsill, kif ukoll permezz ta' għotjiet, kien jammonta għal €53,484, filwaqt li ma kienx hemm disponimenti ta' ebda assi. L-ispiża tax-xiri tal-Assi Permanenti kollha akkwistati mill-Kunsill kienet ta' €13,181,217, li kellhom valur nett fuq il-kotba ta' €1,453,663, sa tmiem il-perjodu kopert bir-rapport.

6.1.8. Il-Kunsill approva l-kontenut tar-rapport u l-ispjegazzjoni li saru. Ġie maqbul ukoll li dan għandu jittellgħa fis-sit elettroniku: melliehalc@gov.mt.

**6.2.1. L-Ittra ta' Direzzjoni – Sena Finanzjarja 2023 - mibgħuta mill-udituri tal-Kunsill (F/1/2/Vol IX)**

6.2.2. L-accountant tal-Kunsill irrefera wkoll għall-Ittra ta' Direzzjoni għas-Sena Finanzjarja 2024, kif ukoll l-abbozz tat-tweġiba għaliha li tqassmu qabel is-seduta. Is-Sur D. Galea aċċenna li l-Kunsill indirizza l-punti kollha ndikati fl-ittra tal-2023, li kienu jiddependu direttament mill-Kunsill. Huwa qal li l-punti kollha li tqajmu kienu ta' natura teknika u allura jittrattaw il-mod kif ċerti transazzjoni kellhom jiġu murija fil-kotba.

6.2.3. Is-Sur D. Galea qal li l-osservazzjonijiet li saru mill-udituri kienu osservazzjonijiet normali fil-fatt kien hemm affarijiet li jinkitbu kull sena. Saħansitra għadu jissemma' l-fatt li l-kotba tal-Kumitat Konġunt Tramuntana għadhom ma ngħalqux, iżda din il-materja l-Kunsill m'għandux kontroll fuqha.

6.2.4. Huwa qal ukoll li l-Kunsill huwa mitlub li jirrispondi lill-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika u lid-Diviżjoni tal-Gvern Lokali fi żmien sitt ġimgħat minn meta l-Ittra ta' Direzzjoni tintbagħat mill-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika.

6.2.5. Il-Kunsill approva l-abbozz tat-tweġiba mressaq.

## 7.1.1. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskedi dwar l-Akkwist u tal-Pagamenti

7.1.2. Ġiet imressqa Skeda ta' Akkwist ta' Servizzi u Materjal datata 21 ta' Ġunju 2025.

7.1.3. Tressqet ukoll skeda ta' pagamenti li tkopri l-perjodu bejn il-25 ta' Mejju 2025 u l-21 ta' Ġunju 2025.

7.1.4. Tressqet ukoll l-iskeda tal-Petty Cash li tkopri bejn it-28 ta' April 2025 u t-12 ta' Ġunju 2025.

7.1.5. Il-Kunsill approva l-iskedi kollha mressqa, u kien hemm qbil li l-Iskeda tal-Pagamenti għandha tiġi ppubblikata permezz tas-sit elettroniku: https://melliehalc.gov.mt/skeda-ta-hlasijiet/

## AĠĠORNAMENT

Bi ftehim bejn il-membri kollha s-seduta spiċċat fl-10.45pm, u ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn, 28 ta' Lulju 2025 fil-5:30 pm.

Gabriel Micallef
**Sindku**

Marica Gambin
**Deputat Segretarju Eżekuttiv**